# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 94

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 63

27 ta' Marzu 2020


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/445 tal-15 ta' Ottubru 2019 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni** ..... 1

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/446 tal-15 ta' Ottubru 2019 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża** ..... 3

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/447 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-ispeċifikazzjoni tal-kriterji biex jiġu stabbiliti l-arranġamenti għat-tnaqqis b'mod adegwat tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti assoċjat mal-bonds koperti u mat-titolizzazzjonijiet, u li jemenda r-Regolamenti Delegati (UE) 2015/2205 u (UE) 2016/1178** [1] ..... 5

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/448 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/2251 fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tat-trattament tad-derivattivi OTC b'rabta ma' ċerti titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u standardizzati għal finijiet ta' ħeġġjar** [1] ..... 8

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/449 tal-25 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd** ..... 11


DEĊIŻJONIJIET


★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/450 tat-22 ta' Jannar 2020 dwar l-iskema tal-għajnuna SA.29150 - 2010/C (ex 2010/NN) implimentata mill-Ġermanja dwar ir-riport fiskali tat-telf f'każ ta' ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà (*Sanierungsklausel*)** *(notifikata bid-dokument C(2020) 254)* [1] ..... 14


[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/451 tas-26 ta' Marzu 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċertu Stati Membri** *(notifikata bid-dokument C(2020) 1985)* ([1]) ...... 23

REGOLI TA' PROĊEDURA

★ **Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' Marzu 2020 dwar ir-regoli interni li jikkonċernaw ir-restrizzjonijiet ta' ċerti drittijiet tas-suġġetti tad-*data* fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali fil-qafas tal-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea** ...... 46

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/445

## tal-15 ta' Ottubru 2019

## li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 16(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu msemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), ġew identifikati ħtiġijiet għal finanzjament addizzjonali fil-qasam tal-asil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni.

(2) Ir-rieżami ta' nofs it-terminu identifika l-ħtieġa għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju xieraq fir-rigward tal-akkoljenza u l-faċilitajiet ta' akkomodazzjoni u ta' detenzjoni, u servizzi rispettivi, għal applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew għal ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu preżenti fi Stat Membru u li ma jissodisfawx, jew li ma jkunux għadhom jissodisfaw, il-kundizzjonijiet għad-dħul jew għas-soġġorn fi Stat Membru, kif ukoll mal-appoġġ għal akkomodazzjoni għal benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali.

(3) L-Anness II ta-Regolament (UE) Nru 516/2014 jelenka tmien azzjonijiet speċifiċi biex l-Istati Membri jirċievu finanzjament addizzjonali li minnhom sitta huma azzjonijiet konġunti li jinvolvu diversi Stati Membri.

(4) L-iżviluppi ta' politika u l-ħtiġijiet ta' finanzjament misjuba fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod xieraq permezz tal-lista attwali ta' azzjonijiet speċifiċi. Għaldaqstant, l-aħjar mod biex jintlaħqu l-ħtiġijiet identifikati fi ħdan l-objettivi tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni huwa li tiġi emendata dik il-lista.

(5) L-azzjoni speċifika l-ġdida li qed tiżdied fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 se tikkontribwixxi għall-ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji. Din hija konformi mal-objettiv speċifiku ta' dan ir-Regolament, kif imsemmi fl-Artikolu 3(2)(d) tiegħu, li huwa biex tittejjeb is-solidarjetà bejn l-Istati Membri.

(6) Iż-żieda ta' azzjoni speċifika ġdida li tirrifletti l-iżviluppi ta' politika riċenti u l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Istati Membri se tiġġenera valur miżjud sinifikanti billi tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tal-pressjoni fuq dawk l-aktar affettwati mill-flussi migratorji u tal-asil u, għaldaqstant, fuq l-Unjoni kollha kemm hi.

(7) Sabiex tippermetti l-applikazzjoni fil-pront ta' din l-azzjoni speċifika, fid-dawl tal-ħtiġijiet ta' finanzjament urġenti identifikati, jenħtieġ li r-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(8) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 516/2014 jiġi emendat skont dan,

([1]) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 168.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 516/2014, jiżdied il-punt 9 li ġej:

"9. Fi Stati Membri li jiffaċċjaw pressjoni migratorja għolja jew sproporzjonata jew it-tnejn, it-twaqqif, l-iżvilupp u l-operazzjoni ta' faċilitajiet adegwati ta' akkoljenza u ta' akkomodazzjoni u ta' detenzjoni, u servizzi rispettivi, għal applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma preżenti fi Stat Membru u ma jissodisfawx, jew ma għadhomx jissodisfaw, il-kundizzjonijiet għad-dħul jew għas-soġġorn, jew għat-tnejn, kif ukoll appoġġ għall-akkomodazzjoni għal benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/446

## tal-15 ta' Ottubru 2019

## li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsudrat ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu msemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), ġew identifikati ħtiġijiet għal finanzjament addizzjonali fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri.

(2) Ir-rieżami ta' nofs it-terminu identifika l-ħtieġa li jingħata appoġġ finanzjarju adegwat għal attivitajiet tal-kontroll tal-fruntieri, b'mod partikulari fiż-żoni hotspot definiti fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), kif ukoll f'żoni oħra li jiffaċċjaw pressjoni migratorja għolja u sproporzjonata eżistenti jew potenzjali simili.

(3) L-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 515/2014 jelenka żewġ azzjonijiet speċifiċi għall-Istati Membri biex jirċievu finanzjament addizzjonali.

(4) Il-finanzjament tal-azzjonijiet li jimmiraw li jiġu rinfurzati l-kapaċitajiet ta' kontroll tal-fruntieri u li jiġi implimentat l-approċċ hotspot jew simili ma jistax jiġi dirett b'mod adegwat permezz tal-lista attwali ta' azzjonijiet speċifiċi. Għalhekk, l-emenda ta' dik il-lista hija l-aħjar mod kif jiġu ssodisfati l-bżonnijiet identifikati fl-għanijiet tal-Fond tas-Sigurtà Interna - Fruntieri u Viża.

(5) L-azzjoni speċifika l-ġdida li qed tiżdied fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 515/2014 se tikkontribwixxi għal livell effettiv tal-kontroll tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Hija konformi mal-objettiv speċifiku ta' dak ir-Regolament, kif imsemmi fl-Artikolu 3(2)(b), li huwa li tiġi appoġġjata l-ġestjoni integrata tal-fruntieri, u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk li jeħtiġuh.

([1]) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE, (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1).

(6) Iż-żieda ta' azzjoni speċifika ġdida li tirrifletti l-iżviluppi ta' politika riċenti u l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Istati Membri se tiġġenera valur miżjud sinifikanti billi tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tal-pressjoni fuq dawk l-aktar affettwati mill-flussi migratorji u tal-asil u, għaldaqstant, fuq l-Unjoni kollha kemm hi.

(7) Sabiex tippermetti l-applikazzjoni fil-pront ta' din l-azzjoni speċifika, fid-dawl tal-ħtiġijiet ta' finanzjament urġenti identifikati, jenħtieġ li r-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(8) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 515/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 515/2014, jiżdied il-punt 3 li ġej:

"3. Attivitajiet ta' kontroll fuq il-fruntieri bħal kontrolli fil-fruntieri u miżuri ta' sorveljanza tal-fruntieri f'żoni li attwalment jew potenzjalment qed jaffaċċjaw pressjoni migratorja għolja jew sproporzjonata, jew it-tnejn, inklużi attivitajiet relatati mal-istabbiliment, l-iżvilupp u l-operazzjoni ta' żoni hotspot, kif definiti fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), kif ukoll, fejn meħtieġ, appoġġ għal attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri f'pajjiżi terzi.

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE, (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1)."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/447

**tas-16 ta' Diċembru 2019**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-ispeċifikazzjoni tal-kriterji biex jiġu stabbiliti l-arranġamenti għat-tnaqqis b'mod adegwat tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti assoċjat mal-bonds koperti u mat-titolizzazzjonijiet, u li jemenda r-Regolamenti Delegati (UE) 2015/2205 u (UE) 2016/1178**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) emenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 biex idaħħal f'dak ir-Regolament ċerti kundizzjonijiet li taħthom il-kuntratti tad-derivattivi OTC konklużi minn entitajiet tal-bonds koperti b'rabta mal-bonds koperti, u kuntratti tad-derivattivi OTC konklużi minn entitajiet bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni b'rabta mat-titolizzazzjonijiet, jistgħu jiġu eżentati mill-obbligu tal-ikklerjar.

(2) Ir-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2015/2205 ([3]) u 2016/1178 ([4]) diġà jinkludu għadd ta' kundizzjonijiet li taħthom il-kuntratti tad-derivattivi OTC konklużi minn entità tal-bonds koperti b'rabta ma' bond kopert jistgħu jiġu esklużi mill-obbligu tal-ikklerjar.

(3) Hemm grad ta' sostitwibbiltà bejn il-kuntratti tad-derivattivi OTC konklużi minn entitajiet tal-bonds koperti b'rabta mal-bonds koperti min-naħa, u kuntratti tad-derivattivi OTC konklużi minn entitajiet bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni b'rabta mat-titolizzazzjonijiet, min-naħa l-oħra. Sabiex jiġu evitati distorsjoni jew arbitraġġ potenzjali, it-trattament tagħhom vis-à-vis l-obbligu tal-ikklerjar jenħtieġ li jkun konsistenti.

(4) Għaldaqstant huwa xieraq li, anki fid-dawl tal-emenda għar-Regolament (UE) Nru 648/2012 mir-Regolament (UE) 2017/2402, jitneħħew mir-Regolamenti Delegati 2015/2205 u 2016/1178, il-kundizzjonijiet kollha li taħthom il-kuntratti tad-derivattivi OTC konklużi minn entità tal-bonds koperti b'rabta ma' bond kopert jistgħu jiġu esklużi mill-obbligu tal-ikklerjar, u dawk il-kundizzjonijiet jiddaħħlu f'Regolament Delegat ġdid li jkun fih ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom il-kuntratti tad-derivattivi OTC konklużi minn entità bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni b'rabta ma' titolizzazzjoni jistgħu jiġu esklużi minn dak l-obbligu tal-ikklerjar.

(5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2015/2205 u r-Regolament Delegat (UE) 2016/1178 jiġu emendati skont dan.

([1]) ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2205 tas-6 ta' Awwissu 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-obbligu tal-ikklerjar (ĠU L 314, 1.12.2015, p. 13.).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1178 tal-10 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-obbligu tal-ikklerjar (ĠU L 195, 20.7.2016, p. 3.)

(6) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat mill-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq lill-Kummissjoni Ewropea.

(7) L-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għamlu konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin dwar l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament u analizzaw il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej talbu wkoll l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [5], l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni u tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Qasam tal-Pensjonijiet tax-Xogħol stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [6], u l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [7],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

## Kriterji għall-iddeterminar ta' liema arranġamenti fl-ambitu tal-bonds koperti jnaqqsu r-riskju ta' kreditu tal-kontroparti

L-arranġamenti fl-ambitu tal-bonds koperti għandhom jitqiesu li jnaqqsu b'mod adegwat ir-riskju ta' kreditu tal-kontroparti, fil-każijiet li fihom il-kuntratti tad-derivattivi OTC konklużi minn entitajiet tal-bonds koperti b'rabta mal-bonds koperti jikkonformaw ma' dawn il-kriterji kollha li ġejjin:

(a) dawk il-kuntratti jkunu rreġistrati jew irrekordjati fl-aggregazzjoni ta' kopertura tal-bond kopert skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-bonds koperti;

(b) dawk il-kuntratti ma jkunux itterminati fil-każ ta' riżoluzzjoni jew insolvenza tal-emittent tal-bonds koperti jew tal-"cover pool";

(c) Il-kontroparti għall-kuntratt tad-derivattivi OTC konkluż mal-emittent tal-bonds koperti jew ma' "cover pools" għall-bonds koperti, tkun ikklassifikata tal-inqas *pari passu* mad-detenturi ta' bonds koperti, għajr meta l-kontroparti tal-kuntratt tad-derivattivi OTC konkluż mal-emittenti tal-bonds koperti jew ma' "cover pools" għall-bonds koperti tkun il-parti f'inadempjenza jew il-parti affettwata, jew iċċedi l-klassifikazzjoni ta' *pari passu*;

(d) il-bond kopert ikun soġġett għal rekwiżit regolamentari ta' kollateralizzazzjoni ta' minn tal-anqas 102 %.

*Artikolu 2*

## Kriterji għall-iddeterminar ta' liema arranġamenti fl-ambitu tat-titolizzazzjonijiet inaqqsu r-riskju ta' kreditu tal-kontroparti

L-arranġamenti fl-ambitu tat-titolizzazzjonijiet għandhom jitqiesu li jnaqqsu b'mod adegwat ir-riskju ta' kreditu tal-kontroparti, fil-każijiet li fihom il-kuntratti tad-derivattivi OTC konklużi minn entitajiet bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni b'rabta mat-titolizzazzjonijiet jissodisfaw dawn il-kriterji kollha li ġejjin:

(a) il-kontroparti għad-derivattiva OTC konkluża minn entità bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni b'rabta ma' titolizzazzjoni tkun ikklassifikata tal-inqas *pari passu* mad-detenturi tal-aktar segment ta' titolizzazzjoni superjuri, għajr meta l-kontroparti tad-derivattiva OTC konkluża mal-entità bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni b'rabta mat-titolizzazzjoni tkun il-parti f'inadempjenza jew il-parti affettwata;

(b) l-entità bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni b'rabta mat-titolizzazzjoni li l-kuntratt tad-derivattivi tal-OTC ikun assoċjat magħha, tkun soġġetta, fuq bażi kontinwa, għal livell ta' titjib tal-kreditu tal-aktar nota ta' titolizzazzjoni superjuri ta' minn tal-anqas 2 % tan-noti pendenti.

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

[6] Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE(ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

*Artikolu 3*

**Emenda għar-Regolament Delegat (UE) 2015/2205**

L-Artikolu 1(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2205 jitħassar.

*Artikolu 4*

**Emenda għar-Regolament Delegat (UE) 2016/1178**

L-Artikolu 1(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1178 jitħassar.

*Artikolu 5*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha;

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/448**

**tas-17 ta' Diċembru 2019**

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/2251 fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tat-trattament tad-derivattivi OTC b'rabta ma' ċerti titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u standardizzati għal finijiet ta' ħheġġjar**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(15) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 11(15) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 ġie emendat bl-Artikolu 42(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Dik l-emenda saret biex ikun aċċertat li, fir-rigward tar-rekwiżiti tal-marġini għad-derivattivi OTC ikklirjati mhux ċentralment, derivattivi assoċjati ma' bonds koperti u derivattivi assoċjati ma' titolizzazzjonijiet jiġu ttrattati bl-istess mod. Billi r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2251 ([3]) huwa bbażat fuq l-Artikolu 11(15) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, dak ir-Regolament Delegat jenħtieġ li jiġi emendat biex jirrifletti l-emenda li saret fl-Artikolu 11(15) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u b'hekk biex jinkludi regoli dwar it-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għall-kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklirjati minn kontroparti ċentrali konklużi minn entità bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni b'rabta ma' titolizzazzjoni.

(2) F'konformità mal-Artikolu 11(15) emendat tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, regoli bħal dawn dwar it-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għall-kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklirjati minn kontroparti ċentrali u konklużi minn entità bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni b'rabta ma' titolizzazzjoni, jenħtieġ li jqisu l-impedimenti li jiffaċċjaw dawk l-entitajiet bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni meta jipprovdu l-kollateral. Minħabba li l-entitajiet bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni normalment ikunu strutturati b'tali mod li jiġġeneraw ftit li xejn eċċess ta' likwidità, dawn għandhom inqas assi x'jużaw għall-iskambju tal-kollateral. Dak l-impediment ma jħallix lill-entitajiet bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni jiskambjaw il-kollateral b'tali mod li jikkonforma mija fil-mija mar-rekwiżiti tar-Regolament Delegat (UE) 2016/2251. Għaldaqstant, taħt sett speċifiku ta' kundizzjonijiet, l-entitajiet bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni b'rabta ma' titolizzazzjoni Sempliċi, Trasparenti u Standardizzata ("STS") jenħtieġ li ma jkollhomx l-obbligu li jiddepożitaw il-kollateral. Dan suppost li jagħti lok għal daqsxejn ta' flessibbiltà għall-entitajiet bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni b'rabta ma' titolizzazzjoni STS, filwaqt li jaċċerta li r-riskji għall-kontropartijiet tagħhom ikunu limitati. Madankollu, ma hemm l-ebda restrizzjoni għall-entitajiet bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni b'rabta ma' titolizzazzjoni STS biex jiġbru l-kollateral mill-kontropartijiet tagħhom u biex sussegwentement jirritornawh meta jkun dovut. Il-kontropartijiet ta' entitajiet bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni b'rabta ma' titolizzazzjoni STS huma għaldaqstant obbligati li jiddepożitaw il-marġni ta' varjazzjoni fi flus. Jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jieħduh lura parzjalment jew kollu kemm hu, filwaqt li l-entitajiet bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni jenħtieġ li jkollhom biss l-obbligu li jiġbru l-marġni ta' varjazzjoni riċevut fi flus u li jiddepożitaw il-marġni ta' varjazzjoni għall-ammont riċevut fi flus. Dan huwa konformi mal-premessa 41 tar-Regolament (UE) 2017/2402 li jirreferi għall-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza fit-trattament bejn derivattivi assoċjati ma' bonds koperti u derivattivi assoċjati ma' titolizzazzjonijiet, fir-rigward tal-obbligu tal-ikklirjar u tar-rekwiżiti tal-marġni dwar derivattivi OTC mhux ikklirjati ċentralment.

(3) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2016/2251 jiġi emendat skont dan,

(4) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati ppreżentati mill-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2251 tal-4 ta' Ottubru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet rigward standards tekniċi regolatorji għal tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għall-kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklirjati minn kontroparti ċentrali (ĠU L 340, 15.12.2016, p. 9).

(5) L-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għamlu konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin dwar l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzaw il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbu l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni u l-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Qasam tal-Pensjonijiet tax-Xogħol stabbiliti skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), u l-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emenda għar-Regolament Delegat (UE) 2016/2251**

Fir-Regolament Delegat (UE) 2016/2251, jiddaħħal l-Artikolu 30a li ġej:

"*Artikolu 30a*

**It-trattament tad-derivattivi b'rabta mat-titolizzazzjonijiet għal finijiet ta' ħheġġjar**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 2(2) u meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jiġu ssodisfati, il-kontropartijiet jistgħu, fil-proċeduri tal-ġestjoni tar-riskju tagħhom, jipprevedu dan li ġej b'rabta mal-kuntratti tad-derivattivi OTC konklużi minn entità bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni b'rabta ma' titolizzazzjoni, kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u li tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012:

(a) li l-marġni ta' varjazzjoni ma jiġix iddepożitat mill-entità bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni iżda jinġabar mill-kontroparti tiegħu fi flus u jingħata lura lill-kontroparti tiegħu meta jkun dovut;

(b) li l-marġni inizjali ma jiġix iddepożitat jew miġbur.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-kontroparti għad-derivattivi OTC konklużi minn entità bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni b'rabta ma' titolizzazzjoni tiġi kklassifikata tal-inqas *pari passu* mad-detenturi tal-aktar nota ta' titolizzazzjoni superjuri, dment li l-kontroparti la tkun il-parti inadempjenti u lanqas il-parti affettwata;

(b) l-entità bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni għat-titolizzazzjoni li l-kuntratt tad-derivattivi tal-OTC ikun assoċjat magħha, tkun soġġetta, fuq bażi kontinwa, għal livell ta' titjib tal-kreditu tal-aktar nota ta' titolizzazzjoni superjuri ta' minn tal-anqas 2 % tan-noti pendenti;

(c) is-sett tan-nettjar ma jinkludix kuntratti tad-derivattivi OTC mhux relatati mat-titolizzazzjoni.

(*) Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35)."

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/449**

**tal-25 ta' Marzu 2020**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 183(b) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009 ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 5(6)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 ([3]) stabbilixxa r-regolamenti dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' dazji addizzjonali tal-importazzjoni u ffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd.

(2) Minn kontroll regolari tad-*data* li abbażi tagħha jiġu stabbiliti l-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, jirriżulta li jenħtieġ li jiġu emendati l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet skont l-oriġini.

(3) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1484/95 jiġi emendat skont dan.

(4) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li din il-miżura tibda tapplika kemm jista' jkun malajr wara li d-*data* aġġornata ssir disponibbli, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1484/95 huwa sostitwit bit-test mogħti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 1.
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 tat-28 ta' Ġunju 1995 li jistabbilixxi r-regolamenti dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' dazji addizzjonali tal-importazzjoni u l-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u biex iħassar ir-Regolament Nru 163/67/KEE (ĠU L 145, 29.6.1995, p. 47).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Marzu 2020.

*Għall-Kummissjoni*

*F'isem il-President,*

María Ángeles BENÍTEZ SALAS

*Aġent Direttur Ġenerali*

*Id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

*ANNESS*

*"ANNESS I*

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-oġġetti | Prezz rappreżentattiv (f'EUR/100kg) | Garanzija msemmija fl-Artikolu 3 (f'EUR għal kull 100kg) | Oriġini (1) |
|---|---|---|---|---|
| 0207 12 90 | Karkassi ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, ippreżentati bħala "65 % tiġieġ", iffriżati | 129,1 | 0 | AR |
| 0207 14 10 | Karkassi ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, iffriżati | 221,8<br>198,3<br>267,8<br>222,3 | 24<br>31<br>10<br>23 | AR<br>BR<br>CL<br>TH |
| 1602 32 11 | Karkassi ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, nejjin | 310,6 | 0 | BR |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7)."

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/450

**tat-22 ta' Jannar 2020**

**dwar l-iskema tal-għajnuna SA.29150 - 2010/C (ex 2010/NN) implimentata mill-Ġermanja dwar ir-riport fiskali tat-telf f'każ ta' ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà (*Sanierungsklausel*)**

*(notifikata bid-dokument C(2020) 254)*

**(It-test Ġermaniż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet lill-partijiet ikkonċernati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni msemmija hawn fuq ([1]),

Billi:

### 1. **Proċedura**

(1) Permezz tal-ittri datati l-5 ta' Awwissu 2009 u t-30 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni talbet lill-Ġermanja għal informazzjoni dwar § 8c tal-att dwar it-taxxa korporattiva (*Körperschaftsteuergesetz*, "KStG"). L-awtoritajiet Ġermaniżi wieġbu għal dawn it-talbiet permezz tal-ittri tal-20 ta' Awwissu 2009 u tal-5 ta' Novembru 2009. Permezz tad-deċiżjoni datata l-24 ta' Frar 2010 ("id-Deċiżjoni tal-Ftuħ"), il-Kummissjoni fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fir-rigward ta' § 8c (1a) KStG (*Sanierungsklausel*).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Ftuħ ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]). Il-Kummissjoni stiednet lill-Ġermanja u lill-partijiet ikkonċernati biex jissottomettu kummenti.

(3) L-awtoritajiet Ġermaniżi ssottomettew il-kummenti tagħhom permezz tal-ittra tad-9 ta' April 2010.

(4) Fid-9 ta' April 2010 u fit-3 ta' Ġunju 2010 saru żewġ laqgħat mal-awtoritajiet Ġermaniżi fi Brussell. L-awtoritajiet Ġermaniżi ssottomettew aktar informazzjoni fit-2 ta' Lulju 2010. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment mingħand il-partijiet ikkonċernati.

(5) Fis-26 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2011/527/UE ([3]) ("id-Deċiżjoni tal-2011") li fiha kkunsidrat li § 8c(1a) KStG (*Sanierungsklausel*) tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, li ġiet implimentata illegalment mill-Ġermanja bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE. Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li l-għajnuna mogħtija skont § 8c(1a) KStG kienet inkompatibbli mas-suq intern, b'mod partikolari minħabba li ma setgħetx tinstab kompatibbli abbażi tal-punt (b) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE, kif interpretat mill-Qafas Temporanju ([4]) ([5]), u ordnat l-irkupru tal-għajnuna inkompatibbli.

---

([1]) ĠU C 90, 8.4.2010, p. 8.

([2]) ĠU C 90, 8.4.2010, p. 8.

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/527/UE tas-26 ta' Jannar 2011 dwar l-għajnuna mill-Istat C 7/10 (ex CP 250/09 u NN 5/10) implimentata mill-Ġermanja - Skema għar-riport ta' telf ta' taxxa fil-każ tar-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà (*Sanierungsklausel*) (ĠU L 235, 10.9.2011, p. 26).

([4]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Qafas Komunitarju Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex isostnu l-appoġġ għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali (ĠU C 83, 7.4.2009, p. 1).

([5]) Skont il-Qafas Temporanju, l-għajnuna titqies kompatibbli sakemm l-ammont tagħha ma jaqbiżx EUR 500 000, il-benefiċjarju ma kienx impriża f'diffikultà fl-1 ta' Lulju 2008 u l-kundizzjonijiet l-oħra kollha stabbiliti fil-punt 4.2.2 tal-Qafas Temporanju jiġu ssodisfati.

(6) Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-2011, il-Ġermanja u partijiet terzi ppreżentaw rikorsi għal annullament tad-Deċiżjoni tal-2011 ([6]). Fl-4 ta' Frar 2016, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti tal-applikanti u kkonfermat id-Deċiżjoni tal-2011 ([7]).

(7) Il-Ġermanja u żewġ benefiċjarji potenzjali (Heitkamp BauHolding GmbH u GFKL Financial Services AG) appellaw is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali. Fit-28 ta' Ġunju 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali u d-Deċiżjoni tal-2011 ([8]). Il-Qorti tal-Ġustizzja sabet li l-Kummissjoni żbaljat fl-analiżi tas-selettività billi qieset biss ir-regola li tipprojbixxi r-riport ta' telf f'każ ta' bidla fl-istruttura tal-parteċipazzjoni azzjonarja tal-kumpanija (§ 8c(1) KStG) li għandha tkun il-qafas ta' referenza u eskludiet minnha r-regola ġenerali dwar ir-riport tat-telf.

## 2. **Deskrizzjoni ddettaljata tal-miżura/għajnuna**

### 2.1. **Sfond**

(8) It-tassazzjoni korporattiva fil-Ġermanja hija bbażata l-aktar fuq l-att dwar it-taxxa fuq l-introjtu (*Einkommens-teuergesetz*, ("EStG")) u l-KStG. § 10d(2) EStG tipprevedi l-possibbiltà li jiġi riportat telf imġarrab f'sena fiskali, jiġifieri li, f'konformità mal-prinċipju tal-kapaċità għall-ħlas, id-dħul taxxabbli fis-snin fiskali futuri jista' jitnaqqas bit-tpaċija ta' telf fl-imgħoddi sa limitu massimu ta' EUR 1 miljun fis-sena. Skont § 8(1) KStG, din il-possibbiltà li jiġi riportat telf tapplika wkoll għal entitajiet soġġetti għat-taxxa korporattiva.

(9) Skont l-awtoritajiet Ġermaniżi, il-possibbiltà ta' tali riport tat-telf wassal ukoll għal kummerċ f'kumpaniji fittizji, li kienu ilhom żmien twil li waqqfu kwalunkwe attività ekonomika, iżda li xorta żammew it-telf li kien ġie riportat.

(10) Bħala reazzjoni għall-kummerċ f'kumpaniji fittizji, fl-1997 il-Parlament Ġermaniż illimita l-possibbiltà li jiġi riportat it-telf, billi f'§ 8(4) KStG introduċa l-hekk imsejħa "*Mantelkaufregelung*" ("regola dwar ix-xiri tal-kowtijiet" (coat-buying rule), fejn il-kowt jirrappreżenta l-kumpanija fittizja). Din ir-regola rrestrinġiet ir-riport ta' telf għal dawk l-entitajiet korporattivi li kienu legalment u ekonomikament identiċi għall-entità li ġarrbet it-telf. Ir-regola ma kinitx tinkludi definizzjoni ta' "ekonomikament identika", iżda kienet tiddependi fuq element wieħed negattiv u żewġ elementi pożittivi:

— ma jkun hemm l-ebda identità ekonomika jekk aktar minn nofs l-ishma tal-entità korporattiva jiġu ttrasferiti u mbagħad l-entità tkompli l-attività ekonomika tagħha jew tibda mill-ġdid, b'assi predominantement ġodda;

— għall-kuntrarju ta' dan, ikun hemm identità ekonomika jekk l-uniku għan tal-injezzjoni tal-assi ġodda jkun li tirristruttura l-entità li qed tagħmel it-telf u jekk l-attività li kienet ikkawżat ir-riport ta' telf mhux ikkumpensat, tkompli b'mod komparabbli għall-ħames snin ta' wara;

— ikun hemm ukoll identità ekonomika jekk, minflok tinjetta assi ġodda, l-entità akkwirenti tkopri t-telf li jkun akkumula fl-entità li tkun qed tagħmel it-telf.

(11) L-aħħar żewġ eżempji kienu komunement imsemmija bħala "*Sanierungsklausel*" (klawżola li tippermetti r-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà).

(12) § 8(4) KStG ġiet irrevokata mill-1 ta' Jannar 2008 mill-att tal-2008 biex tiġi riformata t-tassazzjoni tal-kumpaniji (*Unternehmensteuerreformgesetz 2008*) ([9]).

---

([6]) Tressqu 16-il rikors għal annullament, wieħed mill-Ġermanja (T-205/11) u 15 minn benefiċjarji potenzjali. Bl-eċċezzjoni ta' T-287/11 u T-620/11, ir-rikorsi kollha ġew sospiżi.

([7]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Frar 2016, *Heitkamp BauHolding vs Il-Kummissjoni Ewropea*, T-287/11, ECLI:EU:T:2016:60; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Frar 2016, *GFKL Financial Services vs Il-Kummissjoni*, T-620/11, ECLI:EU:T:2016:59.

([8]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Ġunju 2018, *Andres (faillite Heitkamp BauHolding) vs Il-Kummissjoni*, C-203/16 P ECLI:EU:C:2018:505; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Ġunju 2018, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, C-208/16 P, ECLI:EU:C:2018:506; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Ġunju 2018, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, C-209/16 P, ECLI:EU:C:2018:507; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Ġunju 2018, *Lowell Financial Services vs Il-Kummissjoni*, C-219/16 P, ECLI:EU:C:2018:508.

([9]) *Unternehmensteuerreformgesetz 2008*, 14 ta' Awwissu 2007, il-Gazetta tal-Liġi Federali (*Bundesgesetzblatt* ("BGB1.") 2007, Parti I, Nru 40, p. 1912.

(13) L-istess att introduċa l-§ 8c(1) KStG ġdida, li llimitat il-possibbiltà li jiġi riportat telf fil-każ ta' bidliet fil-parteċipazzjoni azzjonarja ta' entità korporattiva aktar milli § 8(4) KStG għamlet qabel. Skont ir-regola l-ġdida:

— it-telf mhux użat jintilef għalkollox jekk aktar minn 50 % tal-kapital tal-ishma, tad-drittijiet ta' sħubija, tad-drittijiet ta' sjieda jew tad-drittijiet tal-vot jiġu ttrasferiti lil akkwirent;

— it-telf mhux użat jintilef pro rata jekk fi żmien ħames snin aktar minn 25 % u sa 50 % tal-kapital tal-ishma, tad-drittijiet ta' sħubija, tad-drittijiet ta' sjieda jew tad-drittijiet tal-vot jiġu ttrasferiti.

(14) Ir-regola l-ġdida inizjalment ma pprovdiet l-ebda eċċezzjoni għall-kumpaniji li fl-istess ħin ikunu soġġetti għal bidla sinifikanti fis-sjieda u fil-proċess ta' ristrutturar.

(15) Skont il-memorandum ta' spjegazzjoni adottat mill-Parlament Ġermaniż flimkien mal-*Unternehmenssteuerreformgesetz 2008*, l-iskop li § 8(4) KStG tiġi ssostitwita bil-§ 8c(1) KStG ġdida kien li jiġu ssimplifikati r-regoli (mill-memorandum ta' spjegazzjoni jirriżulta li l-applikazzjoni prattika ta' § 8(4) KStG kienet wasslet għal ħafna mistoqsijiet legali diffiċli) u biex il-miżura kontra l-abbuż tiġi mmirata aħjar ([10]). Il-Parlament Ġermaniż kien konxju mill-fatt li bħala riżultat tar-riforma fil-każ ta' ristrutturar ta' impriża f'diffikultajiet, li kien jimplika bidla fis-sjieda, ir-riport tat-telf ma jkunx aktar possibbli. Huwa qies li dan kien aċċettabbli, peress li l-awtoritajiet tat-taxxa setgħu jirrinunzjaw għad-djun tat-taxxa f'tali sitwazzjoni fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' ekwità anke mingħajr dispożizzjoni espliċita fil-KStG ([11]).

## 2.2. **Il-miżura**

(16) F'Ġunju 2009, § 8c KStG ġiet emendata billi ddaħħlet dispożizzjoni ġdida (§ 8c(1a) KStG) li tikkonċerna l-preservazzjoni tar-riport ta' telf f'każ ta' akkwiżizzjoni ta' kumpaniji f'diffikultà bil-għan li jiġu ristrutturati. Din l-emenda kienet tifforma parti mill-Att dwar l-Għajnuna u l-Assigurazzjoni tas-Saħħa taċ-Ċittadini (*Bürgerentlastungsgesetz Krankenversicherung*) ([12]). B'mod ġenerali, id-dispożizzjoni l-ġdida hija msemmija għal darb'oħra bħala *Sanierungsklausel* (jew *Sanierungsklausel* ġdida (*neue*)) sabiex tiġi tingħaraf mill-predeċessur tagħha fi § 8(4) KStG).

(17) Skont § 8c(1a) KStG, entità korporattiva titħalla tirriporta telf minkejja bidliet fil-parteċipazzjoni azzjonarja tagħha li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' § 8c(1) KStG, jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

— l-akkwiżizzjoni sservi l-iskop ta' ristrutturar ("*Sanierung*") tal-entità korporattiva ([13]);

— il-kumpanija tkun illikwida jew b'dejn eċċessiv jew tkun f'riskju li ssir illikwida jew-b'dejn eċċessiv fil-mument tal-akkwiżizzjoni ([14]);

— l-istrutturi kummerċjali essenzjali tal-kumpanija jiġu ppreservati billi:

  — l-entità korporattiva tonora ftehim bejn il-maniġment u l-kunsill tax-xogħol ("*Betriebsvereinbarung*") dwar il-preservazzjoni tal-impjiegi; jew

  — għal ħames snin wara l-akkwiżizzjoni jiġu ppreservati 80 % tal-impjiegi (f'termini ta' remunerazzjoni globali); jew

  — isiru injezzjonijiet ta' assi kummerċjali sinifikanti ("*wesentliches Betriebsvermögen*") jew it-tħassir ta' djun li jkun għad għandhom valur ekonomiku fi żmien tnax-il xahar; l-assi kummerċjali jkunu materjali jekk jammontaw għal mill-anqas 25 % tal-assi tas-sena finanzjarja preċedenti; jitnaqqas kull trasferiment lura lill-entità akkwirenti fl-ewwel tliet snin;

([10]) Serje ta' dokumenti stampati tal-Parlament Ġermaniż (*Bundestagsdrucksache*) 16/4841, p. 74.

([11]) *Bundestagsdrucksache* 16/4841, p. 76, li jirreferi għal ċirkolari tal-Ministeru Federali tal-Finanzi datata s-27 ta' Marzu 2003 (Gazzetta Federali Tat-Taxxa (*Bundessteuerblatt*) ("BStBl.") 2003, Parti I, p. 240).

([12]) *Gesetz zur verbesserten steuerlichen Berücksichtigung von Vorsorgeaufwendungen* (*Bürgerentlastungsgesetz Krankenversicherung*), 16. Ġunju 2009, BGBl. 2009, Parti I, Nru 43, p. 1959.

([13]) *Sanierung* għandu l-għan li jorganizza mill-ġdid kumpanija. Ir-riorganizzazzjoni hija miżura li għandha l-għan li tevita jew tegħleb l-illikwidità (*Zahlungsunfähigkeit*) jew id-dejn eċċessiv (*Überschuldung*). Għaldaqstant, huma eliġibbli biss il-kumpaniji li huma jew li se jsiru illikwidi jew b'dejn eċċessiv fiż-żmien meta sseħħ il-bidla fil-parteċipazzjoni azzjonarja.

([14]) It-termini "illikwidità", "riskju ta' illikwidità" u "dejn eċċessiv" huma ddefiniti fil-leġiżlazzjoni Ġermaniża dwar l-insolvenza (*Insolvenzordnung* ("InsO"), 5 ta' Ottubru 1994, BGBl. 1994, Parti I, Nru 70, p. 2866): "Illikwidità" (§ 17 InsO): jekk id-debitur ma jkunx jista' jissodisfa l-obbligi ta' ħlas dovuti u jkun waqqaf il-ħlasijiet. "Riskju ta' illikwidità" (§ 18 InsO): Jekk id-debitur x'aktarx ma jkunx jista' jissodisfa l-obbligi futuri ta' ħlas fid-data dovuta tagħhom. "Dejn eċċessiv" (§ 19 InsO): Jekk l-assi tal-kumpanija debitriċi ma jkoprux l-obbligazzjonijiet eżistenti tagħha; madankollu, "dejn eċċessiv" huwa eskluż jekk il-kumpanija debitriċi jkollha pronjożi pożittiva sabiex tkompli teżisti.

— il-kumpanija ma tbiddilx is-settur tal-attività għal ħames snin wara l-akkwiżizzjoni;

— fil-mument tal-akkwiżizzjoni l-kumpanija ma tkunx waqfet topera.

(18) § 8c(1a) KStG daħlet fis-seħħ fl-10 ta' Lulju 2009 u bdiet tapplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2008.

(19) Fil-bidu, § 8c(1a) KStG ġiet introdotta bħala miżura temporali applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2009. Madankollu, fit-22 ta' Diċembru 2009, il-Parlament Ġermaniż adotta, bħala parti mill-att dwar l-aċċellerazzjoni tat-tkabbir tat-22 ta' Diċembru 2009 (*Wachstumsbeschleunigungsgesetz*) dispożizzjoni li ħassret il-klawżola sunset korrispondenti mill-KStG ([15]).

(20) Ta' min jinnota li t-telf li jiġi riportat jista' jiġi kkumpensat biss mill-benefiċċji tal-kumpanija li tkun qed tiġi ristrutturata. Il-kumpanija akkwirenti ma tistax tikkumpensa dan it-telf bil-benefiċċji tagħha stess. Dan jgħodd ukoll jekk il-kumpanija akkwirenti tikkonsolida l-obbligazzjonijiet fiskali tagħha fil-livell tal-grupp, peress li l-punt (1) tal-ewwel sentenza ta' § 15 KStG jipprojbixxi r-riport tat-telf jekk entità (*Organgesellschaft*) tkun tifforma parti minn entità konsolidata (*Organschaft*) ([16]). Madankollu, il-liġi Ġermaniża dwar it-taxxa korporattiva tipprovdi li tali telf ma jintilifx; dan sempliċiment jiġi "iffriżat" fil-livell tal-*Organgesellschaft* u jista' jintuża ladarba l-kumpanija ma tkunx għadha kkonsolidata. Ma hemm l-ebda limitu ta' żmien għar-riport ta' dan it-telf "iffriżat".

(21) Il-kumpanija akkwirenti tibbenefika indirettament minn § 8c(1a) KStG, peress li, ladarba l-proċess ta' ristrutturar jitlesta b'suċċess, id-dispożizzjoni tnaqqas il-piż tat-taxxa tal-entità ristrutturata. Barra minn hekk, il-kumpanija akkwirenti tista' tgħaqqad l-attivitajiet kollha tagħha jew parti minnhom fil-kumpanija akkwistata u tuża b'dan il-mod it-telf li jkun ġie riportat.

### 3. **Id-deċiżjoni ta' ftuħ**

(22) Permezz tal-ittra datata l-24 ta' Frar 2010, il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet Ġermaniżi li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE fir-rigward tal-miżura deskritta hawn fuq li ngħatat skont § 8c(1a) KStG.

(23) Fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ tagħha, il-Kummissjoni qieset li § 8c(1a) KStG iddistingwiet bejn kumpaniji finanzjarjament sodi li qed jagħmlu telf u kumpaniji li huma (potenzjalment) illikwidi jew b'dejn eċċessiv, b'benefiċċju għal dawn tal-aħħar. Fl-opinjoni preliminari tagħha, il-Kummissjoni qieset li l-miżura hija selettiva u tinvolvi għajnuna mill-Istat, peress li anke l-kundizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE dehru li ġew issodisfati. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha dwar il-kompatibbiltà tal-miżura mal-punt (b) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE, kif interpretat mill-Qafas Temporanju, u mal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE, kif interpretat mil-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar ([17]) (li kienu japplikaw dak iż-żmien) u l-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali ([18]) (li kienu japplikaw dak iż-żmien).

(24) Wara l-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Ministeru Federali Ġermaniż tal-Finanzi ta struzzjonijiet lill-awtoritajiet tat-taxxa inkarigati mill-ġbir tat-taxxa biex ma jibqgħux japplikaw § 8c(1a) KStG sakemm il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni finali fil-każ u biex jinformaw lill-entitajiet ikkonċernati li f'każ ta' deċiżjoni finali negattiva tal-Kummissjoni, l-għajnuna mill-Istat jkollha tiġi rkuprata ([19]).

### 4. **Kummenti mingħand l-awtoritajiet Ġermaniżi**

(25) L-awtoritajiet Ġermaniżi jqisu li § 8c(1a) KStG ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, għal tliet raġunijiet:

— tikkonforma mal-prinċipju tal-kreditur privat (ara t-Taqsima 4.1);

— mhijiex selettiva (ara t-Taqsima 4.2).

— hija ġġustifikata min-natura u l-loġika tas-sistema fiskali Ġermaniża (ara t-Taqsima 4.3).

---

([15]) *Gesetz zur Beschleunigung des Wirtschaftswachstums* (*Wachstumsbeschleunigungsgesetz*), 22 ta' Diċembru 2009, BGBl. 2009, Parti I, Nru 81, p. 3950, punt (3)(b) tal-Artikolu 2.

([16]) L-hekk imsejħa *"vororganschaftliche Verluste"*

([17]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' ditti f'diffikultà (ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2).

([18]) Linji gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali għall-perjodu 2007-2013, (ĠU C 54, 4.3.2006, p. 13).

([19]) Ċirkolari mill-Ministeru Federali tal-Finanzi datata t-30 ta' April 2010 indirizzata lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Länder responsabbli għall-ġbir tat-taxxa (*BMF v. 30.4.2010 IV C 2 -S 2745-a/08/10005:002*), BStBl. 2010, Parti I, p. 488.

(26) L-awtoritajiet Ġermaniżi jsostnu wkoll li s-*Sanierungsklausel* il-ġdida fi § 8c(1a) KStG tikkorrispondi essenzjalment għas-*Sanierungsklausel* il-qadima fi § 8(4) KStG, li qatt ma kienet ġiet ikkritikata mill-Kummissjoni (ara t-Taqsima 4.4) u li għadd ta' Stati Membri oħra għandhom fis-seħħ regoli fiskali simili (ara t-Taqsima 4.5).

### 4.1. **Konformità mal-prinċipju tal-kreditur privat**

(27) Fl-ittra tagħhom tat-2 ta' Lulju 2010, l-awtoritajiet Ġermaniżi jsostnu li l-prinċipju tal-kreditur privat jista' jiġi invokat fir-rigward ta' talbiet fiskali jew parafiskali ([20]). Dawn iqisu wkoll li r-relazzjoni tal-Istat Ġermaniż mal-kontribwenti tiegħu hija komparabbli mar-relazzjoni bejn kreditur privat u debitur, li huma marbuta b'kuntratt fit-tul (*Dauerschuldverhältnis*), bħal kuntratt tal-kera jew kuntratt tal-impjieg. Fil-fehma tal-awtoritajiet Ġermaniżi, kreditur privat involut f'tali kuntratt fit-tul għandu jċedi parti mit-talbiet futuri tiegħu, jekk dak jippermetti l-akkwiżizzjoni tad-debitur tiegħu minn impriża oħra, li min-naħa tagħha tiżgura t-tkomplija tal-kuntratt fit-tul.

### 4.2. **In-nuqqas ta' selettività**

(28) L-awtoritajiet Ġermaniżi jqisu li § 8c(1a) KStG hija miżura ġenerali, minħabba li mhijiex limitata għal xi settur, għadd daqs ta' impriżi jew xi reġjun. Huma jsemmu l-fatt li kwalunkwe impriża tista' potenzjalment issib ruħha, mingħajr ma tkun responsabbli għaliha, f'diffikultajiet finanzjarji u tkun eliġibbli għall-applikazzjoni tar-regola.

(29) L-awtoritajiet Ġermaniżi jinnutaw li fl-avviż tagħha tal-1998 dwar it-tassazzjoni diretta tan-negozju, il-Kummissjoni stess kienet tal-opinjoni li, "sakemm dawn japplikaw għad-ditti kollha u għall-produzzjoni tal-merkanzija kollha", miżuri fiskali ta' natura purament teknika, bħal regoli dwar ir-riporti ta' telf, ma kinux selettivi, u li "il-fatt li wħud mid-ditti jew uħud mis-setturi jibbenifikaw aktar minn oħrajn minn ftit minn dawn il-miżuri tat-taxxa mhux neċessarjament ifisser li huma maqbuda b' regoli tal-kompetizzjoni li jirregolaw l-għajnuna tal-Istat" ([21]).

(30) L-awtoritajiet Ġermaniżi huma tal-fehma li dawn il-kunsiderazzjonijiet huma ta' importanza partikolari għat-trattament favorevoli tat-taxxa tar-riċerka u tal-iżvilupp, iżda anke għall-ħarsien tal-ambjent, it-taħriġ u l-impjiegi. Fil-fehma tal-awtoritajiet Ġermaniżi, ir-regoli fiskali li jibbenefikaw minnhom l-impriżi li jagħmlu sforzi partikolari f'dawn l-oqsma mhumiex selettivi, minħabba li huma miftuħa għall-impriżi kollha, anke jekk *de facto* huma ta' benefiċċju akbar għal impriżi attivi f'ċerti setturi minn oħrajn. Fil-fehma tagħhom, l-istess raġunament jenħtieġ li japplika wkoll għar-regoli fiskali li jibbenefikaw minnhom impriżi f'diffikultà li jiġu akkwistati sabiex jiġu ristrutturati.

(31) L-awtoritajiet Ġermaniżi jsostnu li l-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali kienu aċċettaw li miżura li tkun ta' benefiċċju esklussiv għal impriżi f'diffikultà tista', fil-prinċipju, tikkostitwixxi miżura ġenerali, li mhijiex selettiva. F'dan ir-rigward, dawn jikkwotaw l-ewwel sentenza fil-kawża *DM Transport* ([22]), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dan li ġej fir-rigward ta' faċilità ta' ħlas Belġjana għal impriżi f'diffikultajiet:

> "Il-Gvern Franċiż isostni li faċilitajiet ta' ħlas fir-rigward ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat jekk jingħataw f'ċirkostanzi identiċi lil kwalunkwe impriża li qed tesperjenza diffikultajiet finanzjarji. Dan jidher li huwa l-każ taħt ir-reġim stabbilit mil-leġiżlazzjoni Belġjana. Il-Kummissjoni, madankollu, tiddikjara li l-ONSS għandha setgħa diskrezzjonali fir-rigward tal-għoti ta' faċilitajiet ta' ħlas.
>
> Jirriżulta mill-kliem tal-Artikoli 92(1) tat-Trattat li miżuri ġenerali li ma jiffavorixxux biss lil ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti biss ma jaqgħux taħt dik id-dispożizzjoni. Min-naħa l-oħra, fejn il-korp li qed jagħti assistenza finanzjarja jgawdi grad ta' latitudni li jippermettilu li jagħżel il-benefiċjarji jew il-kondizzjonijiet taħt liema tiġi pprovduta l-assistenza finanzjarja, dik l-assistenza ma tistax titqies bħala ta' natura ġenerali (ara, għal dan il-għan, Il-Kawża C-241/94 *Franza vs il-Kummissjoni* [1996] Ġabra I-4551, punti 23 u 24).
>
> Huwa f'idejn il-qorti nazzjonali fil-proċedimenti prinċipali li tiddetermina jekk is-setgħa tal-ONSS li tagħti faċilitajiet ta' ħlas hijiex diskrezzjonali u, jekk ma tkunx, li tistabbilixxi jekk il-faċilitajiet ta' ħlas mogħtija mill-ONSS humiex ta' natura ġenerali jew jekk jiffavorixxux ċerti impriżi."

([20]) Il-Ġermanja tikkwota s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (it-Tieni Awla) tal-14 ta' Settembru 2004, *Spanja vs Il-Kummissjoni*, C-276/02, ECLI:EU:C:2004:521, punti 15 u 26, kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tad-29 ta' Ġunju 1999, *DM Transport*, C-256/97, ECLI:EU:C:1999:332, il-punti 22 u 25.

([21]) Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri relatati ma' tassazzjoni diretta tan-negozju, (ĠU C 384, 10.12.1998, p. 3), punti 13 u 14.

([22]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tad-29 ta' Ġunju 1999, *DM Transport*, C-256/97, ECLI:EU:C:1999:332, punti 26 sa 28.

(32) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Ġermaniżi jikkwotaw is-sentenza fil-kawża *HAMSA* ([23]), fejn l-awtoritajiet Spanjoli sostnew li miżura mhijiex selettiva, minħabba li kienet tapplika għall-impriżi kollha f'diffikultà. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet dwar dak il-punt:

"F'dan il-każ, l-argument invokat mill-applikant u r-Renju ta' Spanja bil-għan li l-liġi Spanjola tas-26 ta' Lulju 1922 dwar is-sospensjoni ta' ħlasijiet twaqqaf proċedura ġenerali, applikabbli għall-kumpaniji kollha f'diffikultà, ma jistax jiġi aċċettat. Filwaqt li huwa veru li l-liġi ma għandhiex l-awtorità li tapplika s-selettività favur ċerti kategoriji ta' impriżi jew setturi ta' attività, wieħed irid jiftakar li r-remissjonijiet ta' dejn ikkritikati mill-Kummissjoni ma jirriżultawx b'mod awtomatiku mill-applikazzjoni tal-liġi, iżda mid-deċiżjonijiet diskrezzjonali magħmula mill-korpi pubbliċi inkwistjoni. Hija, barra minn hekk, ġurisprudenza stabbilita li fejn il-korp li qed jagħti assistenza finanzjarja jgawdi grad ta' latitudni li jippermettilu li jagħżel il-benefiċjarji jew il-kundizzjonijiet taħt liema tiġi pprovduta l-assistenza finanzjarja, dik l-assistenza ma tistax titqies bħala ta' natura ġenerali (Kawża C-256/97 *DM Transport* [1999] Ġabra I-3913, punt 27).

(33) L-awtoritajiet Ġermaniżi jsostnu li, għall-kuntrarju tal-miżuri involuti f'*DM Transport* u *HAMSA*, § 8c(1a) KStG ma tipprevedix deċiżjonijiet diskrezzjonali ta' korpi pubbliċi, iżda li l-applikazzjoni tagħha tirriżulta awtomatikament mil-liġi. Għalhekk, bl-applikazzjoni ta' argument *a contrario*, § 8c(1a) KStG ma tkunx selettiva.

(34) L-awtoritajiet Ġermaniżi huma tal-fehma wkoll li § 8c(1a) KStG tifforma parti mill-korp ta' regoli li jiffurmaw il-liġi Ġermaniża dwar l-insolvenza. B'mod partikolari, l-eliġibbiltà ta' impriża hija bbażata fuq il-kunċetti ta' illikwidità, riskju ta' illikwidità u dejn eċċessiv, li huma-ddefiniti fl-*Insolvenzordnung* u li jrendu impriża eliġibbli għall-ftuħ ta' proċeduri ta' insolvenza.

(35) Fir-rigward tal-kwistjoni tas-selettività, l-awtoritajiet Ġermaniżi jikkonkludu li l-opinjoni tal-Kummissjoni kellha bħala riżultat li kwalunkwe tnaqqis fit-taxxa kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, anke jekk kien applikabbli b'mod ġenerali, u li tali pożizzjoni kienet tikser it-TFUE.

### 4.3. **Ġustifikazzjoni min-natura jew l-iskema ġenerali tas-sistema fiskali**

(36) L-awtoritajiet Ġermaniżi jqisu li l-eżenzjoni maħluqa minn § 8c(1a) KStG hija ġġustifikata abbażi tan-natura u l-iskema ġenerali tas-sistema Ġermaniża għat-tassazzjoni tal-entitajiet korporattivi. Dawn isostnu li hemm differenza oġġettiva bejn impriżi f'diffikultà li jeħtieġu ristrutturar u impriżi oħra, u li din id-differenza oġġettiva tiġġustifika trattament differenti ta' impriżi f'diffikultà li jiġu akkwistati bil-għan li jiġu ristrutturati. L-awtoritajiet Ġermaniżi jibbażaw l-argument tagħhom fuq tliet kunsiderazzjonijiet.

(37) L-ewwel nett, dawn jargumentaw li billi impriżi finanzjarjament b'saħħithom għandhom għażla bejn li jiffinanzjaw lilhom infushom mis-swieq kapitali u li jfittxu impriża oħra li tista' tkun trid takkwistahom, l-impriżi f'diffikultà għandhom biss l-għażla li ssemmiet l-aħħar, jiġifieri li jfittxu akkwirent, peress li mhux se jkunu jistgħu jiġbru dejn mis-swieq kapitali jew jiksbu self mill-bank. B'riżultat ta' dan, l-impriżi f'diffikultà se jitilfu sistematikament il-possibbiltà li jirriportaw it-telf tagħhom, filwaqt li impriżi b'saħħithom dejjem għandhom l-għażla li jiffinanzjaw id-dejn u li jfittxu xerrej.

(38) It-tieni, dawn isostnu li r-*ratio legis* ta' § 8c(1) KStG, jiġifieri li jiġi evitat il-kummerċ f'kumpaniji fittizji b'telf akkumulat, ma jirrikjedix l-esklużjoni tar-riport ta' telf f'sitwazzjonijiet fejn l-iskop tal-akkwiżizzjoni jkun ir-ristrutturar, u mhux ta' ottimizzazzjoni fiskali biss. Mingħajr il-limitazzjoni ta' § 8c(1a) KStG għal akkwiżizzjonijiet ta' impriżi f'diffikultà finanzjarja bil-għan li jiġu ristrutturati, jiġifieri billi jiġu inklużi wkoll akkwiżizzjonijiet oħra, ir-*ratio legis* ma setgħetx tibqa' tiġi realizzata.

(39) It-tielet, huma jargumentaw li l-iskop ta' § 8c(1) KStG huwa li tiżgura li l-prezz tal-bejgħ tal-parteċipazzjonijiet f'impriżi jkun ibbażat biss fuq il-valur ekonomiku tal-impriża, bl-esklużjoni tal-valur tat-telf akkumulat għall-ottimizzazzjoni fiskali. Madankollu, fil-każ tal-akkwiżizzjoni ta' impriża f'diffikultà bil-għan li tiġi ristrutturata, skont l-awtoritajiet Ġermaniżi l-valur possibbli tat-telf akkumulat ma għandu l-ebda rwol partikolari. Biex juru dan, dawn jinnutaw li, fil-kotba ta' entità konsolidata tat-taxxa, il-kontabilisti ma jagħtu l-ebda valur biex possibbilment jiġi riportat it-telf ta' impriża f'diffikultà.

(40) Għal dawn it-tliet raġunijiet kumulattivi, l-awtoritajiet Ġermaniżi jqisu li, anke jekk § 8c(1a) KStG kienet *prima facie* selettiva, fi kwalunkwe każ din hija ġġustifikata min-natura u l-iskema ġenerali tat-tassazzjoni tal-entitajiet korporattivi fil-Ġermanja.

---

([23]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla, kompożizzjoni estiża) tal-11 ta' Lulju 2002, *Hijos de Andrés Molina, SA (HAMSA) vs il-Kummisjoni*, T-152/99, ECLI:EU:T:2002:188, punt 157.

### 4.4. **Rabta bejn *is-Sanierungsklausel* ġdida u dik qadima**

(41) L-awtoritajiet Ġermaniżi josservaw li mill-1 ta' Jannar 2008 § 8c KStG issostitwiet regola simili, jiġifieri § 8(4) KStG. Dawn jinnutaw li ż-żewġ regoli jsegwu l-istess għan, jiġifieri li jeskludu l-kummerċ f'kumpaniji fittizji b'telf akkumulat.

(42) L-awtoritajiet Ġermaniżi jinnutaw li l-Kummissjoni qatt ma kienet indikat xi problemi possibbli fir-rigward ta' § 8(4) KStG, u li għalhekk jidher li din ir-regola ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

(43) Ghalhekk, dawn iqisu li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward hija inkoerenti.

### 4.5. **Regoli simili f'sistemi fiskali oħra**

(44) L-awtoritajiet Ġermaniżi indikaw li ħafna Stati Membri oħra għandhom regoli fis-seħħ li huma komparabbli ma' § 8c (1a) KStG. F'dan ir-rigward jikkwotaw l-Awstrija, il-Belġju, il-Finlandja, l-Italja, il-Lussemburgu u n-Netherlands. Dawn jinnutaw li l-Kummissjoni ma ħadet l-ebda azzjoni taħt il-kompetenzi tagħha ta' għajnuna mill-Istat fir-rigward ta' dawn l-Istati Membri, minkejja s-similaritajiet qawwija ħafna tas-sistemi.

(45) L-awtoritajiet Ġermaniżi, b'reazzjoni għall-premessa 34 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ, li tispjega l-azzjoni li ħadet il-Kummissjoni fir-rigward tas-sistema Franċiża, jenfasizzaw ukoll li s-sistema Ġermaniża hija differenti mis-sistema Franċiża li kienet limitata għal ċerti setturi tal-ekonomija u kien fiha eżenzjoni sħiħa mit-taxxa korporattiva.

### 5. **Żviluppi wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-2011 u wara l-annullament tagħha**

(46) Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-2011, il-Ġermanja ssospendiet l-applikazzjoni tal-miżura sakemm tingħata sentenza finali mill-Qorti Ġenerali jew mill-Qorti tal-Ġustizzja ([24]).

(47) Fid-29 ta' Marzu 2017, il-Qorti Kostituzzjonali Federali Ġermaniża (*Bundesverfassungsgericht*) qieset ir-rinunzja *prorata* ta' riport ta' telf fil-każ ta' trasferiment ta' bejn 25 % u 50 % tal-kapital tal-ishma, tad-drittijiet ta' sħubija, tad-drittijiet ta' sjieda jew tad-drittijiet tal-vot skont § 8c(1) KStG bħala mhux kostituzzjonali, u talbet lill-Parlament Ġermaniż jemenda d-dispożizzjoni sal-31 ta' Diċembru 2018 ([25]). Wara dan il-Parlament Ġermaniż neħħa (b'effett retroattiv mill-21 ta' Diċembru 2007) it-telf totali ta' riport ta' telf fil-każ ta' trasferiment ta' bejn 25 % u 50 % tal-kapital tal-ishma, tad-drittijiet ta' sħubija, tad-drittijiet ta' sjieda jew tad-drittijiet tal-vot, u żamm biss it-telf totali ta' riport ta' telf jekk aktar minn 50 % ta' tali kapital jew drittijiet kienu ġew ittrasferiti lil entità oħra ([26]).

(48) Wara l-annullament tad-Deċiżjoni tal-2011 mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Ġermanja reġgħet introduċiet ukoll is-*Sanierungsklausel* (§ 8c(1a)) fil-KStG fil-11 ta' Diċembru 2018 (b'effett retroattiv mill-2008) ([27]).

### 6. **Valutazzjoni tal-miżura**

(49) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern."

(50) Għalhekk, il-kwalifikazzjoni ta' miżura bħala għajnuna skont it-tifsira ta' din id-dispożizzjoni tirrikjedi li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin: (i) il-miżura trid tkun imputabbli lill-Istat u ffinanzjata mir-riżorsi tal-Istat; (ii) trid tagħti vantaġġ lill-impriża; (iii) dak il-vantaġġ irid ikun selettiv; u (iv) il-miżura trid tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(51) Il-karatterizzazzjoni ta' miżura bħala għajnuna mill-Istat, skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE tirrikjedi li jiġu ssodisfati l-erba' kundizzjonijiet kollha, billi dawk il-kundizzjonijiet huma kumulattivi. Il-Kummissjoni l-ewwel teżamina l-kundizzjoni relatata mal-għoti ta' vantaġġ selettiv.

---

([24]) Il-punt (2)(a) tal-Artikolu 4 (emenda għal § 34(7c) KStG) tal-att li jittrasponi d-Direttiva dwar l-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra u li jemenda l-liġijiet dwar it-tassazzjoni (*Gesetz zur Umsetzung der Beitreibungsrichtlinie sowie zur Änderung steuerlicher Vorschriften*), is-7 ta' Diċembru 2011, BGBl. 2011, Parti I, Nru 64, p. 2592.

([25]) Sentenza tal-*Bundesverfassungsgericht* tad-29 ta' Marzu 2017, 2 BvL 6/11 https://www.bundesverfassungsgericht.de/e/ls20170329_2bvl000611.html .

([26]) Il-punt (2) tal-Artikolu 6 (l-emenda għal § 8c(1) KStG) tal-att li jipprevjeni nuqqasijiet fit-taxxi fuq il-fatturat dovuti minħabba l-bejgħ ta' prodotti fuq l-Internet u biex jemenda aktar liġijiet dwar it-tassazzjoni (*Gesetz zur Vermeidung von Umsatzsteuerausfällen beim Handel mit Waren im Internet und zur Änderung weiterer steuerlicher Vorschfirten*), il-11 ta' Diċembru 2018, BGBl. 2018, Parti I, Nru 45, p. 2338.

([27]) Il-punt (6)(b) tal-Artikolu 6 (emenda għal § 34(6) KStG) tal-*Gesetz zur Vermeidung von Umsatzsteuerausfällen beim Handel mit Waren im Internet und zur Änderung weiterer steuerlicher Vorschriften.*

(52) Bħala kwistjoni ta' prinċipju, biex tiġi vvalutata l-eżistenza ta' vantaġġ, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriża wara l-miżura jenħtieġ li tiġi mqabbla mas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha kieku l-miżura ma tkunx ittieħdet ([28]).

(53) B'mod partikolari, fir-rigward tal-miżuri fiskali, sabiex jiġi vverifikat vantaġġ possibbli tat-taxxa, huwa meħtieġ li jiġi vvalutat jekk it-trattament tat-taxxa mogħti lil entità jagħtihiex vantaġġ meta mqabbel mas-sistema fiskali ordinarja jew "normali" ([29]). Għalhekk, il-valutazzjoni tal-vantaġġ hija marbuta mill-qrib mal-valutazzjoni tal-kriterju tas-selettività (fejn l-eżistenza ta' trattament tat-taxxa derogatorju tiġi evalwata wkoll meta mqabbla mar-regoli ġenerali tat-taxxa).

(54) Skont il-ġurisprudenza stabbilita ([30]), il-valutazzjoni tas-selettività materjali ta' miżura fiskali sseħħ fi tliet stadji. L-ewwel nett, huwa meħtieġ li jiġi identifikat u eżaminat ir-reġim komuni jew "normali" ("is-sistema ta' referenza") applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat. It-tieni, huwa b'rabta ma' dan ir-reġim tat-taxxa komuni jew "normali" li jeħtieġ li jiġi ddeterminat jekk xi vantaġġ mogħti mill-miżura tat-taxxa inkwistjoni jistax ikun selettiv. Dan għandu jsir billi jintwera li l-miżura titbiegħed mill-arranġament ordinarju billi tagħmel distinzjoni bejn l-atturi ekonomiċi li, fid-dawl tal-objettiv fil-mira ta' dak ir-reġim, ikunu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli. It-tielet, jekk tkun teżisti tali deroga, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk din tirriżultax min-natura jew mill-iskema ġenerali tas-sistema ta' tassazzjoni li tifforma parti minnha u b'hekk jekk tistax tiġi ġġustifikata min-natura jew mil-loġika tas-sistema. F'dan il-kuntest, huwa l-kompitu tal-Istati Membri li juru li t-trattament diffrenzjat tat-taxxa jirriżulta direttament mill-prinċipji bażiċi jew ta' gwida ta' dik is-sistema

(55) F'dan il-każ, mis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja ([31]) jirriżulta li r-regoli tat-taxxa korporattiva li fil-Ġermanja b'mod ġenerali japplikaw għall-impriżi kollha huma s-sistema ta' referenza u li dawn jinkludu r-regola ġenerali dwar ir-riport tat-telf skont §8(1) KStG. L-għan ta' dawn ir-regoli huwa t-tassazzjoni tal-profitti korporattivi biex jiġi ġġenerat dħul għall-baġit, skont il-prinċipju tal-kapaċità għall-ħlas.

(56) §8(1) KStG tistabbilixxi (b'referenza għal § 10d EStG) li l-entitajiet soġġetti għat-taxxa korporattiva jistgħu, għal finijiet ta' taxxa, jirriportaw telf imġarrab f'sena fiskali għal snin fiskali futuri (sa limitu massimu ta' EUR 1 miljun fis-sena).

(57) Fil-punt 102 tas-Sentenza *Andres* ([32]), il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li r-regola li tirregola d-dekadenza ta' telf kienet fiha nnifisha eċċezzjoni għar-regola dwar-ir-riport tat-telf u li eżami ġenerali tal-kontenut ta' dawk id-dispożizzjonijiet kellu jagħmilha possibbli li wieħed isib li l-effett tal-klawżola tar-ristrutturar kien li tiġi ddefinita sitwazzjoni li taqa' taħt ir-regola ġenerali dwar ir-riport tat-telf.

(58) Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, mhuwiex meħtieġ li jiġi ddeterminat jekk ir-regoli kontra l-abbuż jagħmlux parti mis-sistema ta' referenza, minħabba li, fi kwalunkwe każ, l-analiżi tal-Qorti tal-Ġustizzja tidher li teskludi li l-klawżola ta' ristrutturar tikkontradixxi l-għan ta' dawn ir-regoli ([33]) u tidderoga minnhom ([34]).

(59) Sabiex jiġi vvalutat jekk *is-Sanierungsklausel* skont §8c(1a) KStG tikkostitwixxix vantaġġ selettiv, il-Kummissjoni jeħtiġilha tiddetermina jekk il-miżura tat-taxxa inkwistjoni hijiex deroga minn dik is-sistema ordinarja, sa fejn tiddistingwi bejn operaturi li, fid-dawl tal-għan segwit mis-sistema ordinarja tat-taxxa, huma f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli.

([28]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Lulju 1974, *L-Italja* vs *Il-Kummissjoni*, Kawża 173/73, ECLI:UE:C:1974:71, punt 17.

([29]) Ara pereżempju s-sentenza tal-Qorti (It-Tieni Awla) tal-15 ta' Diċembru 2005, *Unicredito Italiano*, C-148/04, ECLI:EU:C:2005:774, punti 50 sa 52; is-sentenza tal-Qorti (it-Tielet Awla) tat-8 ta' Diċembru 2011, *France Télécom* vs *Il-Kummissjoni*, C-81/10 P, ECLI:EU:C:2011:811, punt 24.

([30]) Ara pereżempju s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-8 ta' Settembru 2011, *Paint Graphos u Ohrajn*, C-78/08 sa C-80/08, ECLI:EU:C:2011:550, punti 49 u 71; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-21 ta' Diċembru 2016, *Il-Kummissjoni Ewropea vs World Duty Free Group*, u *Il-Kummissjoni vs Banco Santander u Santusa*, C-20/15 P u C-21/15 P, ECLI:EU:C:2016:981, punti 57 u 58.

([31]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Ġunju 2018, *Andres (faillite Heitkamp BauHolding) vs Il-Kummissjoni*, C-203/16 P, ECLI:EU:C:2018:505; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Ġunju 2018, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, C-208/16 P, ECLI:EU:C:2018:506; Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Ġunju 2018, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, C-209/16 P, ECLI:EU:C:2018:507; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Ġunju 2018, *Lowell Financial Services vs Il-Kummissjoni*, C-219/16 P, ECLI:EU:C:2018:508.

([32]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Alwa) tat-28 ta' Ġunju 2018, *Andres (faillite Heitkamp BauHolding)* vs *Il-Kummissjoni*, C-203/16 P, ECLI:UE:C:2018:505;

([33]) Li jkunu jinkludu l-prevenzjoni li l-kumpaniji jnaqqsu bla bżonn il-bażi tat-taxxa tagħhom permezz ta' riporti ta' telf minn kumpaniji fittizji.

([34]) Barra minn hekk, jista' jiġi argumentat li r-rekwiżit, stabbilit mis-*Sanierungsklausel*, li l-istrutturi u l-attività kummerċjali essenzjali tal-kumpanija jridu jiġu ppreservati, jeskludi l-abbuż.

(60) Peress li §8c(1a) KStG tippermetti li l-kumpaniji li huma illikwidi jew b'dejn eċċessiv (jew f'riskju ta' illikwidità jew dejn eċċessiv) u li qed jiġu ristrutturati jirriportaw it-telf, il-miżura ma tidderogax mir-regola ġenerali dwar ir-riport skont §8(1) KStG.

(61) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tikkonkludi li §8c(1a) KStG ma tipprovdix vantaġġ selettiv lill-entitajiet korporattivi li tapplika għalihom.

(62) Fid-dawl tas-sejba msemmija hawn fuq, mhuwiex meħtieġ li jiġu vvalutati aktar argumenti tal-awtoritajiet Ġermaniżi rigward in-nuqqas ta' vantaġġ selettiv. Barra minn hekk, mhuwiex meħtieġ li jiġu vvalutati l-kundizzjonijiet li jifdal biex miżura biex tikkwalifika bħala għajnuna, peress li l-karatterizzazzjoni ta' miżura bħala għajnuna mill-Istat tirrikjedi li jiġu ssodisfati l-erba' kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, billi dawk il-kundizzjonijiet ikunu kumulattivi.

### 7. **Konklużjoni**

(63) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li § 8c(1a) KStG (*Sanierungsklausel*) ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-iskema dwar ir-riport fiskali tat-telf fil-każ ta' ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà skont § 8c(1a) KStG (*Sanierungsklausel*) ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Jannar 2020.

*Għall-Kummissjoni*
Margrethe VESTAGER
*Viċi President Eżekuttiv*

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/451

**tas-26 ta' Marzu 2020**

**li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċertu Stati Membri**

*(notifikata bid-dokument C(2020) 1985)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju applikabbli għall-kummerċ intra-Unjoni ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/709/UE ([4]) tistabbilixxi miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċertu Stati Membri, fejn kien hemm każijiet ikkonfermati ta' dik il-marda fi ħnieżer domestiċi jew selvaġġi (l-Istati Membri kkonċernati). Fil-Partijiet I sa IV tiegħu, l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jiddemarka u jelenka ċertu żoni tal-Istati Membri kkonċernati, skont il-livell tar-riskju abbażi tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward ta' dik il-marda. L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE ġie emendat diversi drabi biex jitqiesu l-bidliet fis-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni fir-rigward tad-deni Afrikan tal-ħnieżer li jeħtieġ li jiġu riflessi f'dak l-Anness. L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE ġie emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/397 ([5]), wara l-okkorrenzi tad-deni Afrikan tal-ħnieżer li seħħew fil-ħnieżer fir-Rumanija u fil-Polonja.

(2) Mid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/397, kien hemm okkorrenzi ġodda tad-deni Afrikan tal-ħnieżer li seħħew fil-ħnieżer selvaġġi fil-Polonja u fil-ħnieżer selvaġġi fl-Ungerija.

(3) F'Marzu 2020, ġiet osservata tifqigħa waħda tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fil-ħnieżer domestiċi fid-distrett ta' nowosolski fil-Polonja, f'żona li bħalissa hija elenkata fil-Parti II tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE. Din it-tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer li seħħet fil-ħnieżer domestiċi tikkostitwixxi żieda fil-livell tar-riskju, li jenħtieġ li tiġi riflessa f'dak l-Anness. Għalhekk, jenħtieġ li issa din iż-żona tal-Polonja li bħalissa hija elenkata fil-Parti II tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE u li hija affettwata minn din it-tifqigħa reċenti tad-deni Afrikan tal-ħnieżer, tiġi elenkata fil-Parti III ta' dak l-Anness minflok fil-Parti II tiegħu.

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
([3]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/709/UE tad-9 ta' Ottubru 2014 dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċertu Stati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/178/UE (ĠU L 295, 11.10.2014, p. 63).
([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/397 tat-12 ta' Marzu 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri (ĠU L 77, 13.3.2020, p. 5).

(4) Barra minn hekk, f'Marzu 2020, ġie osservat każ tad-deni Afrikan tal-ħnieżer li seħħ f'ħanżir selvaġġ fid-distrett ta' głogowski fil-Polonja f'żona li bħalissa hija elenkata fil-Parti II tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE, u li tinsab qrib żona elenkata fil-Parti I tiegħu. Dan il-każ tad-deni Afrikan tal-ħnieżer li seħħ f'ħanżir selvaġġ jikkostitwixxi żieda fil-livell tar-riskju, li jenħtieġ li tiġi riflessa f'dak l-Anness. Għalhekk, jenħtieġ li issa dik iż-żona tal-Polonja elenkata fil-Parti I tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE, iżda li tinsab qrib żona elenkata fil-Parti II tiegħu u li hija affettwata minn dan il-każ reċenti tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fid-distrett ta' głogowski, tiġi elenkata fil-Parti II ta' dak l-Anness minflok fil-Parti I tiegħu.

(5) F'Marzu 2020, ġew osservati wkoll diversi każijiet tad-deni Afrikan tal-ħnieżer li seħħew fil-ħnieżer selvaġġi fil-kontea ta' Nógrád fl-Ungerija f'żoni li bħalissa huma elenkati fil-Parti II tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE, li jinsabu qrib żoni li huma elenkati fil-Parti I tiegħu. Dawn il-każijiet ta' deni Afrikan tal-ħnieżer fi ħnieżer selvaġġi jikkostitwixxu żieda fil-livell tar-riskju li jenħtieġ li tiġi riflessa f'dak l-Anness. Għalhekk, jenħtieġ li issa dawn iż-żoni tal-Ungerija elenkati fil-Parti I tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE li jinsabu qrib żoni li huma elenkati fil-Parti II li huma affettwati minn dawn il-każijiet reċenti tad-deni Afrikan tal-ħnieżer, jiġu elenkati fil-Parti II ta' dak l-Anness minflok fil-Parti I tiegħu.

— Județul Bistrița-Năsăud,

— Județul Suceava.

PARTI III

1. **Il-Bulgarija**

Iż-żoni li ġejjin fil-Bulgarija:

— ir-reġjun kollu ta' Blagoevgrad,

— ir-reġjun kollu ta' Dobrich,

— ir-reġjun kollu ta' Gabrovo,

— ir-reġjun kollu ta' Kardzhali,

— ir-reġjun kollu ta' Lovech,

— ir-reġjun kollu ta' Montana,

— ir-reġjun kollu ta' Pleven,

— ir-reġjun kollu ta' Razgrad,

— ir-reġjun kollu ta' Ruse,

— ir-reġjun kollu ta' Shumen,

— ir-reġjun kollu ta' Silistra,

— ir-reġjun kollu ta' Sliven,

— ir-reġjun kollu tal-belt ta' Sofija,

— ir-reġjun kollu tal-Provinċja ta' Sofija,

— ir-reġjun kollu ta' Targovishte,

— ir-reġjun kollu ta' Vidin,

— ir-reġjun kollu ta' Varna,

— ir-reġjun kollu ta' Veliko Tarnovo,

— ir-reġjun kollu ta' Vratza,

— fir-reġjun ta' Burgas:

  — il-muniċipalità kollha ta' Burgas,

  — il-muniċipalità kollha ta' Kameno,

  — il-muniċipalità kollha ta' Malko Tarnovo,

  — il-muniċipalità kollha ta' Primorsko,

  — il-muniċipalità kollha ta' Sozopol,

  — il-muniċipalità kollha ta' Sredets,

  — il-muniċipalità kollha ta' Tsarevo,

  — il-muniċipalità kollha ta' Sungurlare,

  — il-muniċipalità kollha ta' Ruen,

  — il-muniċipalità kollha ta' Aytos.

2. **Il-Litwanja**

Iż-żoni li ġejjin fil-Litwanja:

— Alytaus rajono savivaldybė: Simno, Krokialaukio ir Miroslavo seniūnijos,

— Birštono savivaldybė,

— Kauno rajono savivaldybė: Akademijos, Alšėnų, Batniavos, Čekiškės, Ežerėlio, Kačerginės, Kulautuvos, Raudondvario, Ringaudų ir Zapyškio seniūnijos, Babtų seniūnijos dalis į vakarus nuo kelio A1, Užliedžių seniūnijos dalis į vakarus nuo kelio A1 ir Vilkijos apylinkių seniūnijos dalis į rytus nuo kelio Nr. 1907,

— Kazlų Rudos savivaldybė,

— Marijampolės savivaldybė: Gudelių, Igliaukos, Sasnavos ir Šunskų seniūnijos,

— Prienų rajono savivaldybė: Ašmintos, Balbieriškio, Išlaužo, Jiezno, Naujosios Ūtos, Pakuonio, Prienų ir Šilavotos seniūnijos,

— Vilkaviškio rajono savivaldybės: Gižų ir Pilviškių seniūnijos.

3. **Il-Polonja**

Iż-żoni li ġejjin fil-Polonja:

w województwie warmińsko-mazurskim:

— gminy Bisztynek, Sępopol i Bartoszyce z miastem Bartoszyce w powiecie bartoszyckim,

— gminy Kiwity i Lidzbark Warmiński z miastem Lidzbark Warmiński w powiecie lidzbarskim,

— gminy Srokowo, Barciany, część gminy Kętrzyn położona na północ od linii kolejowej łączącej miejscowości Giżycko i Kętrzyn biegnącej do granicy miasta Kętrzyn oraz na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 591 biegnącą od miasta Kętrzyn do północnej granicy gminy i część gminy Korsze położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę biegnącą od wschodniej granicy łączącą miejscowości Krelikiejmy i Sątoczno i na zachód od linii wyznaczonej przez drogę łączącą miejscowości Sątoczno, Sajna Wielka biegnącą do skrzyżowania z drogą nr 590 w miejscowości Glitajny, a następnie na zachód od drogi nr 590 do skrzyżowania z drogą nr 592 i na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 592 biegnącą od zachodniej granicy gminy do skrzyżowania z drogą nr 590 w powiecie kętrzyńskim,

— gmina Stare Juchy w powiecie ełckim,

— część gminy Wilczęta położona na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr 509 w powiecie braniewskim,

— część gminy Morąg położona na północ od linii wyznaczonej przez linię kolejową biegnącą od Olsztyna do Elbląga, część gminy Małdyty położona na północny – wschód od linii wyznaczonej przez linię kolejową biegnącą od Olsztyna do Elbląga w powiecie ostródzkim,

— gminy Godkowo i Pasłęk w powiecie elbląskim,

— gminy Kowale Oleckie, Olecko i Świętajno w powiecie oleckim,

— powiat węgorzewski,

— gminy Kruklanki, Wydminy, Miłki, Giżycko z miastem Giżycko i część gminy Ryn położona na północ od linii kolejowej łączącej miejscowości Giżycko i Kętrzyn w powiecie giżyckim,

— gminy Jeziorany, Kolno, Dywity, Dobre Miasto i część gminy Barczewo położona na północ od linii wyznaczonej przez linię kolejową w powiecie olsztyńskim,

w województwie podlaskim:

— gminy Orla, Wyszki, Bielsk Podlaski z miastem Bielsk Podlaski i część gminy Boćki położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 19 w powiecie bielskim,

— gminy Łapy, Juchnowiec Kościelny, Suraż, Turośń Kościelna, część gminy Poświętne położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 681 w powiecie białostockim,

— gminy Kleszczele, Czeremcha i część gminy Dubicze Cerkiewne położona na południowy zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 1654B w powiecie hajnowskim,

— gminy Perlejewo, Drohiczyn i Milejczyce w powiecie siemiatyckim,

— gmina Ciechanowiec w powiecie wysokomazowieckim,

w województwie mazowieckim:

— gminy Łaskarzew z miastem Łaskarzew, Maciejowice, Sobolew i część gminy Wilga położona na południe od linii wyznaczonej przez rzekę Wilga biegnącą od wschodniej granicy gminy do ujścia dorzeki Wisły w powiecie garwolińskim,

— powiat miński,

— gminy Jabłonna Lacka, Sabnie i Sterdyń w powiecie sokołowskim,

— gminy Ojrzeń, Sońsk, Regimin, Ciechanów z miastem Ciechanów i część gminy Glinojeck położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 7 w powiecie ciechanowskim,

— część gminy Strzegowo położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 7 w powiecie mławskim,

— gmina Nur w powiecie ostrowskim,

— gminy Grabów nad Pilicą, Magnuszew, Głowaczów, Kozienice w powiecie kozienickim,

— gmina Stromiec w powiecie białobrzeskim,

w województwie lubelskim:

— gminy Bełżec, Jarczów, Lubycza Królewska, Susiec, Tomaszów Lubelski i miasto Tomaszów Lubelski w powiecie tomaszowskim,

— gminy Wierzbica, Rejowiec, Rejowiec Fabryczny z miastem Rejowiec Fabryczny, Siedliszcze w powiecie chełmskim,

— gminy Izbica, Gorzków, Rudnik, Kraśniczyn, Krasnystaw z miastem Krasnystaw, Siennica Różana i część gminy Łopiennik Górny położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 17, część gminy Żółkiewka położona na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr 842 w powiecie krasnostawskim,

— gmina Stary Zamość, Radecznica, Szczebrzeszyn, Sułów, Nielisz, część gminy Skierbieszów położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 843, część gminy Zwierzyniec położona na północny-zachód od linii wyznaczonej przez droge nr 858 powiecie zamojskim,

— część gminy Frampol położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 74, część gminy Goraj położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 835, część gminy Tereszpol położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 858, część gminy Turobin położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 835 w powiecie biłgorajskim,

— gmina Urszulin i część gminy Hańsk położona na zachód od linii wyznaczonej przez droge nr 819 w powiecie włodawskim,

— powiat łęczyński,

— gmina Trawniki w powiecie świdnickim,

— gminy Adamów, Serokomla, Wojcieszków w powiecie łukowskim,

— gminy Milanów, Parczew, Siemień w powiecie parczewskim,

— gminy Borki, Czemierniki, Radzyń Podlaski z miastem Radzyń Podlaski, Wohyń w powiecie radzyńskim,

— powiat lubartowski,

— gminy Głusk, Jastków, Niemce i Wólka w powiecie lubelskim,

— gminy Mełgiew i miasto Świdnik w powiecie świdnickim,

— powiat miejski Lublin,

w województwie podkarpackim:

— gmina Narol w powiecie lubaczowskim,

w województwie lubuskim:

— gminy Nowa Sól i miasto Nowa Sól, Otyń oraz część gminy Kożuchów położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 283 biegnącą od wschodniej granicy gminy do skrzyżowania z drogą nr 290 i na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 290 biegnącej od miasta Mirocin Dolny do zachodniej granicy gminy w powiecie nowosolskim,

— gminy Zabór oraz część gminy Bojadła położona na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr 278 biegnącą od wschodniej granicy gminy do skrzyżowania z drogą nr 282 i na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr 282 biegnącej od miasta Bojadła do zachodniej granicy gminy w powiecie zielonogórskim,

— powiat miejski Zielona Góra.

4. **Ir-Rumanija**

Iż-żoni li ġejjin fir-Rumanija:

— Zona orașului București,

— Județul Constanța,

— Județul Satu Mare,

— Județul Tulcea,

— Județul Bacău,

— Județul Bihor,

— Județul Brăila,

— Județul Buzău,

— Județul Călărași,

— Județul Dâmbovița,

— Județul Galați,

— Județul Giurgiu,

— Județul Ialomița,

— Județul Ilfov,

— Județul Prahova,

— Județul Sălaj,

— Județul Vaslui,

— Județul Vrancea,

— Județul Teleorman,

— Județul Mehedinți,

— Județul Gorj,

— Județul Argeș,

— Județul Olt,

— Județul Dolj,

— Județul Arad,

— Județul Timiș,

— Județul Covasna,
— Județul Brașov,
— Județul Botoșani,
— Județul Vâlcea,
— Județul Iași,
— Județul Hunedoara,
— Județul Alba,
— Județul Sibiu,
— Județul Caraș-Severin,
— Județul Neamț,
— Județul Harghita,
— Județul Mureș,
— Județul Cluj,
— Județului Maramureş.

PARTI IV

**L-Italja**

Iż-żoni li ġejjin fl-Italja:

— it-territorju kollu ta' Sardenja."

# REGOLI TA’ PROĊEDURA

## DEĊIŻJONI TAL-BORD TAT-TMEXXIJA TAL-UFFIĊĊJU TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI TAL-UNJONI EWROPEA

**tas-26 ta’ Marzu 2020**

**dwar ir-regoli interni li jikkonċernaw ir-restrizzjonijiet ta’ ċerti drittijiet tas-suġġetti tad-*data* fir-rigward tal-ipproċessar ta’ *data* personali fil-qafas tal-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea**

IL-BORD TAT-TMEXXIJA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta’ tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 153 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli ta’ Proċedura tal-Bord tat-Tmexxija tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 9 tagħhom,

Wara li kkunsidra l-konsultazzjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* tat-18 ta’ Diċembru 2019,

Billi:

(1) L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (l-“Uffiċċju”) iwettaq l-attivitajiet tiegħu skont ir-Regolament (UE) 2017/1001.

(2) Skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 ir-restrizzjonijiet fuq l-applikazzjoni tal-Artikoli 14 sa 22, 35 u 36, kif ukoll l-Artikolu 4 ta’ dak ir-Regolament sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jikkorrispondu għad-drittijiet u għall-obbligi previsti fl-Artikoli 14 sa 22 għandhom ikunu bbażati fuq regoli interni li għandhom jiġu adottati mill-Uffiċċju, fejn dawn mhumiex ibbażati fuq atti legali adottati fuq il-bażi tat-Trattati.

(3) Dawn ir-regoli interni, inkluż id-dispożizzjonijiet tagħhom dwar il-valutazzjoni tan-neċessità u l-proporzjonalità ta’ restrizzjoni, ma japplikawx fejn att legali adottat fuq il-bażi tat-Trattati jipprevedi restrizzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*.

(4) Fejn l-Uffiċċju jwettaq id-dmirijiet tiegħu fir-rigward tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, dan għandu jikkunsidra jekk tapplikax xi waħda mill-eżenzjonijiet stabbiliti f’dak ir-Regolament.

(5) Taħt il-funzjonament amministrattiv tiegħu, l-Uffiċċju jista’ jkollu l-obbligu jirrestrinġi d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* b’segwitu tal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

(6) L-Uffiċċju, irrappreżentat mid-Direttur Eżekuttiv tiegħu, jaġixxi bħala l-kontrollur tad-*data* irrispettivament minn aktar delegazzjonijiet tar-rwol tal-kontrollur fl-Uffiċċju biex jirrifletti r-responsabbiltajiet operattivi għal operazzjonijiet speċifiċi tal-ipproċessar ta’ *data* personali.

(7) Id-*data* personali tinħażen b’mod sigur f’ambjent elettroniku jew fuq il-karta b’mod li jipprevjeni l-aċċess jew it-trasferiment illegali ta’ *data* lil persuni li m’għandhomx il-ħtieġa li jkunu jafu. Id-*data* personali pproċessata tinżamm kif speċifikat fl-avviżi tal-protezzjoni tad-*data*, id-dikjarazzjonijiet tal-privatezza jew ir-rekords tal-Uffiċċju.

([1]) ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.
([2]) ĠU L 154, 16.6.2017, p. 1.

(8) Dawn ir-regoli interni għandhom japplikaw għall-operazzjonijiet kollha tal-ipproċessar imwettqa mill-Uffiċċju fil-kuntest ta' investigazzjonijiet amministrattivi, proċedimenti dixxiplinari, proċeduri ta' żvelar ta' informazzjoni protetta, proċeduri (formali u informali) biex jiġu indirizzati każijiet ta' fastidju, ipproċessar ta' lmenti u *data* medika, twettiq ta' awditi interni, investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* f'konformità mal-Artikolu 45(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u investigazzjonijiet dwar is-sigurtà tat-Teknoloġija tal-Informatika (IT) ġestiti internament jew b'involviment estern (eż. CERT-UE).

(9) Fil-każijiet fejn japplikaw dawn ir-regoli interni, l-Uffiċċju jrid jispjega għalfejn ir-restrizzjonijiet huma strettament meħtieġa u proporzjonati f'soċjetà demokratika u jirrispettaw l-essenza tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali.

(10) F'dan il-qafas l-Uffiċċju huwa marbut li jirrispetta, sa fejn hu l-aktar possibbli, id-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* matul il-proċeduri ta' hawn fuq, b'mod partikolari, dawk dwar id-dritt għal informazzjoni, aċċess u rettifika, id-dritt għal tħassir, ir-restrizzjoni tal-ipproċessar, id-dritt għall-komunikazzjoni ta' ksur ta' *data* personali lis-suġġetti tad-*data* jew għall-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/1725.

(11) L-Uffiċċju għandu jimmonitorja perjodikament li l-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw ir-restrizzjoni għandhom japplikaw u jneħħi r-restrizzjoni jekk ma jibqgħux japplikaw.

(12) Il-Kontrollur għandu jinforma lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* b'kull restrizzjoni applikata fuq id-drittijiet tas-suġġett tad-*data*, meta tkun tneħħiet ir-restrizzjoni jew meta tkun riveduta r-restrizzjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regoli dwar il-kundizzjonijiet li taħthom l-Uffiċċju fil-qafas tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tiegħu stabbiliti fil-paragrafu 2 jista' jirrestrinġi l-applikazzjoni tad-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 4, 14 sa 21, 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2018/1725, b'segwitu tal-Artikolu 25 tiegħu.

2. Taħt il-funzjonament amministrattiv tal-Uffiċċju, din id-Deċiżjoni tapplika għall-ipproċessar ta' *data* personali mill-Uffiċċju għall-finijiet ta': investigazzjonijiet amministrattivi, proċedimenti dixxiplinari, proċeduri ta' żvelar ta' informazzjoni protetta, proċeduri (formali u informali) biex jiġu indirizzati każijiet ta' fastidju, ipproċessar ta' lmenti, ipproċessar ta' *data* u/jew fajls mediċi, twettiq ta' awditi interni, investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* f'konformità mal-Artikolu 45(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u investigazzjonijiet ta' sigurtà tal-IT ġestiti internament jew b'involviment estern (eż. CERT-UE).

Din id-Deċiżjoni tapplika għal operazzjonijiet tal-ipproċessar mibdija u mwettqa mill-Uffiċċju, inkluż qabel il-ftuħ tal-proċeduri msemmija hawn fuq, matul dawn il-proċeduri u matul il-monitoraġġ tas-segwitu għall-eżitu ta' dawn il-proċeduri. Din tapplika wkoll għall-assistenza u l-kooperazzjoni mogħtija mill-Uffiċċju, barra mill-proċeduri amministrattivi tiegħu, lill-OLAF, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u/jew lil awtoritajiet kompetenti oħra.

3. Il-kategoriji ta' *data* kkonċernati huma *data* fattwali (*data* "oġġettiva" bħal *data* ta' identifikazzjoni, *data* ta' kuntatt, *data* professjonali, dettalji amministrattivi, *data* riċevuta minn sorsi speċifiċi, komunikazzjonijiet elettroniċi u *data* tat-traffiku) u/jew *data* suġġettiva (*data* "suġġettiva" relatata mal-każ bħal raġunament, *data* dwar l-imġiba, evalwazzjonijiet, *data* dwar il-prestazzjoni u l-kondotta u *data* relatata ma' jew imressqa b'konnessjoni mas-suġġett tal-proċedura jew tal-attività).

4. Fejn l-Uffiċċju jwettaq id-dmirijiet tiegħu fir-rigward tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, huwa għandu jikkunsidra jekk tapplikax xi waħda mill-eżenzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

5. Soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'din id-Deċiżjoni, ir-restrizzjonijiet jistgħu japplikaw għad-drittijiet li ġejjin: il-forniment ta' informazzjoni lis-suġġetti tad-*data*, id-dritt ta' aċċess, rettifika, tħassir, restrizzjoni tal-ipproċessar, il-komunikazzjoni ta' ksur ta' *data* personali lis-suġġetti tad-*data*, jew il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

*Artikolu 2*

**Speċifikazzjoni tal-kontrollur u s-salvagwardji**

1. L-Uffiċċju għandu jdaħħal fis-seħħ is-salvagwardji li ġejjin biex jevita abbuż jew aċċess jew trasferiment illegali:

a) Id-dokumenti stampati għandhom jinżammu f'armarji siguri u jkunu aċċessibbli biss għall-persunal awtorizzat;

b) Id-*data* elettronika kollha għandha tinħażen f'applikazzjoni sigura tal-IT skont l-istandards tas-sigurtà tal-Uffiċċju, kif ukoll f'folders elettroniċi speċifiċi aċċessibbli biss għall-persunal awtorizzat. Livelli xierqa ta' aċċess għandhom jingħataw b'mod individwali;

c) Is-sistemi tal-IT u l-bażijiet tad-*data* tagħhom irid ikollhom mekkaniżmi għall-verifika tal-identità tal-utent taħt sistema ta' reġistrazzjoni unika u konnessi b'mod awtomatiku mal-ID u l-password tal-utent. Il-kontijiet tal-utenti aħħarin iridu jkunu uniċi, personali u mhux trasferibbli, il-kondiviżjoni ta' kontijiet tal-utent hija strettament projbita. Ir-rekords elettroniċi għandhom jinħażnu b'mod sigur biex jiġu ssalvagwardjati l-kunfidenzjalità u l-privatezza tad-*data* fihom;

d) Il-persuni kollha li jkollhom aċċess għad-*data* huma marbuta bl-obbligu tal-kunfidenzjalità.

2. Il-kontrollur tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar huwa l-Uffiċċju, irrappreżentat mid-Direttur Eżekuttiv tiegħu, li jista' jiddelega l-funzjoni tal-kontrollur. Is-suġġetti tad-*data* għandhom jiġu infurmati dwar il-kontrollur iddelegat permezz tal-avviżi tal-protezzjoni tad-*data* jew ta' rekords ippubblikati fuq is-sit web u/jew l-intranet tal-Uffiċċju.

3. Il-perjodu ta' żamma tad-*data* personali msemmija fl-Artikolu 1(3) m'għandux ikun itwal minn kif speċifikat fl-avviżi tal-protezzjoni tad-*data*, id-dikjarazzjonijiet tal-privatezza jew ir-rekords imsemmija fl-Artikolu 3(1). Fit-tmiem tal-perjodu ta' żamma, l-informazzjoni relatata mal-każ, inkluża d-*data* personali, titħassar, tiġi anonimizzata jew tiġi trasferita fl-arkivji storiċi.

4. Fejn l-Uffiċċju jikkunsidra li japplika restrizzjoni, ir-riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-*data* għandu jintiżen, b'mod partikolari, kontra r-riskju għad-drittijiet u l-libertajiet ta' suġġetti oħra tad-*data* u r-riskju li jiġi mxekkel l-iskop tal-operazzjoni tal-ipproċessar. Ir-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-*data* jikkonċernaw primarjament, iżda mhumiex limitati għal, riskji ta' reputazzjoni u riskji għad-dritt ta' difiża u d-dritt li jinstema'.

*Artikolu 3*

**Restrizzjonijiet**

1. L-Uffiċċju għandu jippubblika fuq is-sit web u/jew fuq l-intranet tiegħu, l-avviżi tal-protezzjoni tad-*data*, id-dikjarazzjonijiet tal-privatezza u/jew ir-rekords fis-sens tal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2018/1725, fejn jinforma lis-suġġetti tad-*data* kollha bl-attivitajiet tiegħu li jinvolvu l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom u tad-drittijiet tagħhom fil-qafas ta' proċedura partikolari, inkluża l-informazzjoni dwar restrizzjoni potenzjali ta' dawn id-drittijiet. L-informazzjoni għandha tkopri liema drittijiet jistgħu jiġu ristretti, ir-raġunijiet u t-tul ta' żmien potenzjali.

2. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3, fejn rilevanti, l-Uffiċċju għandu jiżgura li s-suġġetti tad-*data* jiġu infurmati b'mod individwali f'format xieraq. L-Uffiċċju jista' wkoll jinformahom b'mod individwali dwar id-drittijiet tagħhom li jikkonċernaw ir-restrizzjonijiet preżenti jew futuri.

3. Kwalunkwe restrizzjoni mibdija mill-Uffiċċju għandha tkun applikata biss biex tissalvagwardja l-iskopijiet elenkati taħt l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725:

(a) is-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà pubblika jew id-difiża tal-Istati Membri;

(b) il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, id-detezzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, inkluż is-salvagwardja kontra u l-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà pubblika;

(c) objettivi importanti oħrajn ta' interess pubbliku ġenerali tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, b'mod partikolari l-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni, jew interess ekonomiku jew finanzjarju importanti tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, inkluż kwistjonijiet monetarji, baġitarji u fiskali, is-saħħa pubblika u is-sigurtà soċjali;

(d) is-sigurtà interna tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-Unjoni, inklużi n-netwerks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi tagħhom;

(e) il-protezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja u l-proċedimenti ġudizzjarji;

(f) il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, id-detezzjoni u l-prosekuzzjoni tal-ksur ta' etika għal professjonijiet regolati;

(g) funzjoni ta' monitoraġġ, ta' spezzjoni jew regolatorja marbuta, anke jekk okkażjonalment, mal-eżerċitar ta' awtorità uffiċjali fil-każijiet imsemmija fil-punti (a) sa c);

(h) il-protezzjoni tas-suġġett tad-*data* jew id-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni oħrajn;

(i) l-infurzar ta' pretensjonijiet skont id-dritt ċivili.

4. B'mod partikolari, meta l-Uffiċċju jirrestrinġi fil-kuntest ta':

(a) inkjesti amministrattivi u proċedimenti dixxiplinari, ir-restrizzjonijiet jistgħu jiġu bbażati fuq l-Artikolu 25(1)(c), (e), (g), (h) tar-Regolament (UE) 2018/1725;

(b) proċeduri ta' żvelar ta' informazzjoni protetta, ir-restrizzjonijiet jistgħu jiġu bbażati fuq l-Artikolu 25(1)(h) tar-Regolament (UE) 2018/1725;

(c) proċeduri (formali u informali) biex jiġu indirizzati każijiet ta' fastidju, ir-restrizzjonijiet jistgħu jiġu bbażati fuq l-Artikolu 25(1)(h) tar-Regolament (UE) 2018/1725;

(d) l-ipproċessar ta' lmenti, ir-restrizzjonijiet jistgħu jiġu bbażati fuq l-Artikolu 25(1)(c), (e), (g), (h) tar-Regolament (UE) 2018/1725;

(e) l-ipproċessar ta' *data* medika, ir-restrizzjonijiet jistgħu jiġu bbażati fuq l-Artikolu 25(1)(h) tar-Regolament (UE) 2018/1725;

(f) awditi interni, ir-restrizzjonijiet jistgħu jiġu bbażati fuq l-Artikolu 25(1)(c), (g), (h) tar-Regolament (UE) 2018/1725;

(g) l-investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* f'konformità mal-Artikolu 45(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725, ir-restrizzjonijiet jistgħu jiġu bbażati fuq l-Artikolu 25(1)(c), (g), (h) tar-Regolament (UE) 2018/1725;

(h) investigazzjonijiet ta' sigurtà tal-IT ġestiti internament jew b'involviment estern (eż. CERT-UE), ir-restrizzjonijiet jistgħu jiġu bbażati fuq l-Artikolu 25(1)(c), (d), (g), (h) tar-Regolament (UE) 2018/1725;

5. Kwalunkwe restrizzjoni għandha tkun neċessarja u proporzjonata filwaqt li tqis b'mod partikolari r-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* u tirrispetta l-essenza tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali f'soċjetà demokratika.

Jekk titqies l-applikazzjoni ta' restrizzjoni, għandu jitwettaq test tan-neċessità u tal-proporzjonalità abbażi tar-regoli preżenti. Għandha tkun iddokumentata permezz ta' nota ta' valutazzjoni interna għal skopijiet ta' responsabbiltà abbażi ta' każ b'każ. It-test għandu jitwettaq ukoll fil-kuntest tar-rieżami tal-applikazzjoni ta' restrizzjoni.

Ir-restrizzjonijiet għandhom jitneħħew hekk kif iċ-ċirkostanzi li jiġġustifikawhom ma jibqgħux japplikaw. B'mod partikolari, fejn jitqies li l-eżerċitar tad-dritt ristrett ma jibqax iħassar l-effett tar-restrizzjoni imposta jew jaffettwa b'mod negattiv id-drittijiet jew il-libertajiet ta' suġġetti tad-*data* oħra.

6. Barra minn hekk, l-Uffiċċju jista' jkun mitlub jagħmel skambju ta' *data* personali tas-suġġetti tad-*data* ma' servizzi tal-Kummissjoni jew ma' istituzzjonijiet, korpi, aġenziji u uffiċċji oħra tal-UE, ma' awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew ma' awtoritajiet kompetenti oħra minn pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż:

(a) fejn is-servizzi tal-Kummissjoni jew istituzzjonijiet, korpi, aġenziji u uffiċċji oħra tal-UE jirrestrinġu l-obbligi tagħhom u l-eżerċizzju tad-drittijiet ta' dawn is-suġġetti tad-*data* abbażi ta' atti oħra previsti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725 jew f'konformità mal-Kapitolu IX ta' dak ir-Regolament jew skont l-atti fundaturi ta' istituzzjonijiet, korpi, aġenziji u uffiċċji oħra tal-UE;

(b) fejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jirrestrinġu l-obbligi tagħhom u l-eżerċizzju tad-drittijiet ta' dawn is-suġġetti tad-*data* abbażi tal-atti msemmija fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), jew taħt miżuri nazzjonali li jittrasponu l-Artikoli 13(3), 15(3) jew 16(3) tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

Kull meta l-iskambju ta' *data* personali jinbeda minn awtorità oħra, ma tiġi applikata l-ebda restrizzjoni mill-Uffiċċju u l-informazzjoni relatata mal-każ, inkluża d-*data* personali, għandha titħassar jew tiġi anonimizzata mill-Uffiċċju mat-trażmissjoni tad-*data* mitluba lil dik l-awtorità.

7. Ir-rekords dwar ir-restrizzjonijiet u, fejn applikabbli, id-dokumenti li jkun fihom aspetti fattwali u legali sottostanti għandhom ikunu disponibbli għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* fuq talba.

*Artikolu 4*

**Rieżami mill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data**

1. L-Uffiċċju għandu, mingħajr dewmien żejjed, jinforma lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Uffiċċju ("l-UPD") kull meta l-kontrollur jirrestrinġi l-applikazzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*, ineħħi r-restrizzjoni jew jirrevedi l-perjodu tar-restrizzjoni, f'konformità ma' din id-Deċiżjoni. Il-kontrollur għandu jipprovdi l-aċċess lill-UPD għar-rekord li jkun fih il-valutazzjoni tan-neċessità u l-proporzjonalità tar-restrizzjoni u jiddokumenta d-data ta' meta informa lill-UPD fir-rekord.

2. L-UPD jista' jitlob lill-kontrollur bil-miktub biex jirrieżamina l-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet. Il-kontrollur għandu jinforma lill-UPD bil-miktub dwar l-eżitu tar-rieżami mitlub.

3. L-involviment tal-UPD fil-proċedura tar-restrizzjonijiet, inklużi l-iskambji ta' informazzjoni, għandu jkun dokumentat fil-forma xierqa.

*Artikolu 5*

**L-għoti ta' informazzjoni lis-suġġett tad-data**

1. F'każijiet iġġustifikati kif xieraq u taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'din id-Deċiżjoni, l-għoti ta' informazzjoni jista' jiġi ristrett mill-kontrollur, fejn neċessarju u proporzjonat, fil-kuntest tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar previsti fl-Artikolu 1 (2) ta' din id-Deċiżjoni. B'mod partikolari, l-għoti ta' informazzjoni jista' jiġi differit, jitħalla barra jew jiġi miċħud jekk dan jikkanċella l-effett tal-operazzjoni tal-ipproċessar.

2. Fejn l-Uffiċċju jirrestrinġi, kompletament jew parzjalment, l-għoti ta' informazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, dan għandu jiddokumenta f'nota ta' valutazzjoni interna, ir-raġunijiet għar-restrizzjoni, inkluż il-valutazzjoni tan-neċessità, il-proporzjonalità tar-restrizzjoni u t-tul ta' żmien tagħha.

3. Ir-restrizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tibqa' tapplika sakemm ir-raġunijiet li jiġġustifikawha jibqgħu applikabbli.

Fejn ir-raġunijiet għar-restrizzjoni ma jibqgħux japplikaw, l-Uffiċċju għandu jipprovdi informazzjoni lis-suġġett tad-*data* dwar ir-raġunijiet prinċipali għar-restrizzjoni. Fl-istess ħin, l-Uffiċċju għandu jinforma lis-suġġett tad-*data* bil-possibbiltà li jressaq ilment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* jew li jfittex rimedju ġudizzjarju fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

4. L-Uffiċċju għandu jirrieżamina l-applikazzjoni tar-restrizzjoni tal-anqas darba fis-sena u fl-għeluq tal-proċedura rilevanti. Wara dan, il-kontrollur għandu jimmonitorja l-ħtieġa li tinżamm kwalunkwe restrizzjoni fuq bażi annwali.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([4]) Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

*Artikolu 6*

**Id-dritt ta' aċċess, rettifika, tħassir u restrizzjoni tal-ipproċessar mis-suġġett tad-*data***

1. F'każijiet iġġustifikati kif xieraq u taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'din id-Deċiżjoni, id-dritt ta' aċċess, rettifika, tħassir u restrizzjoni tal-ipproċessar jista' jiġi ristrett mill-kontrollur, fejn neċessarju u proporzjonat, fil-kuntest tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar previsti fl-Artikolu 1(2) ta' din id-Deċiżjoni. Id-dispożizzjonijiet li jinsabu f'dan l-Artikolu 6 attwali ma japplikawx għad-dritt ta' aċċess għal *data* u/jew fajls mediċi, li għalihom hemm espliċitament previst regoli speċifiċi taħt l-Artikolu 7 hawn taħt.

2. Meta s-suġġetti tad-*data* jagħmlu talba għall-eżerċitar tad-dritt tagħhom ta' aċċess, rettifika, tħassir u restrizzjoni tal-ipproċessar fir-rigward tad-*data* personali tagħhom ipproċessata fil-kuntest ta' każ speċifiku wieħed jew aktar jew fir-rigward ta' operazzjoni tal-ipproċessar partikolari, l-Uffiċċju għandu jillimita l-valutazzjoni tiegħu tat-talba għal tali *data* personali biss.

3. Fejn l-Uffiċċju jirrestrinġi, kompletament jew parzjalment, id-dritt ta' aċċess, rettifika, tħassir u restrizzjoni tal-ipproċessar, dan għandu jieħu l-passi li ġejjin:

(a) għandu jinforma lis-suġġett tad-*data* kkonċernat, fit-tweġiba tiegħu għat-talba, bir-restrizzjoni applikata u bir-raġunijiet prinċipali għaliha, u bil-possibbiltà li jressaq ilment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* jew li jfittex rimedju ġudizzjarju fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

(b) għandu jiddokumenta f'nota ta' valutazzjoni interna r-raġunijiet għar-restrizzjoni, inkluż valutazzjoni tan-neċessità, il-proporzjonalità tar-restrizzjoni u t-tul ta' żmien tagħha.

F'konformità mal-Artikolu 25(8) tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-għoti ta' informazzjoni msemmi fil-punt (a) jista' jiġi differit, jitħalla barra jew jiġi miċħud jekk jikkanċella l-effett tar-restrizzjoni.

4. L-Uffiċċju għandu jirrieżamina l-applikazzjoni tar-restrizzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* tal-anqas darba fis-sena u fl-għeluq tal-proċedura rilevanti. Wara dan, fuq talba tas-suġġetti tad-*data*, il-kontrollur għandu jirrieżamina l-ħtieġa li tinżamm ir-restrizzjoni.

*Artikolu 7*

**Id-dritt ta' aċċess għal *data* u/jew fajls mediċi**

1. Ir-restrizzjoni tad-dritt ta' aċċess tas-suġġetti tad-*data* għad-*data* u/jew fajls mediċi tagħhom teħtieġ dispożizzjonijiet speċifiċi li huma stipulati taħt dan l-Artikolu.

2. Soġġett għall-paragrafi ta' hawn taħt ta' dan l-Artikolu, l-Uffiċċju jista' jirrestrinġi d-dritt għall-aċċess b'mod dirett tas-suġġett tad-*data* fir-rigward ta' *data* u/jew fajls mediċi personali ta' natura psikoloġika jew psikjatrika li jikkonċernawh li jkunu pproċessati mill-Uffiċċju, fejn l-aċċess għal tali *data* x'aktarx li jirrappreżenta riskju għas-saħħa tas-suġġett tad-*data*. Din ir-restrizzjoni għandha tkun proporzjonata għal dak li huwa strettament neċessarju biex jiġi protett is-suġġett tad-*data*.

3. L-aċċess għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, għandu jingħata lil tabib tal-għażla tas-suġġett tad-*data*.

4. F'dawn il-każijiet, is-suġġett tad-*data* għandu, fuq talba, jiġi rimborżat mis-Servizz Mediku tal-parti mill-ispiża tal-konsultazzjoni medika mat-tabib li rċieva aċċess għad-*data* u/jew il-fajls mediċi li ma tkunx ġiet rimborżata mir-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard (RKAM). Ir-rimborż ma għandux jeċċedi d-differenza bejn il-limitu stabbilit fid-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' Implimentazzjoni għar-rimborż tal-ispejjeż mediċi ([5]) u l-ammont rimborżat lis-suġġett tad-*data* mill-RKAM skont dawk ir-regoli.

5. Tali rimborż mis-Servizz Mediku għandu jkun soġġett għall-kundizzjoni li l-aċċess ma jkunx diġà ngħata għall-istess *data* u/jew fajls.

6. Soġġett għall-paragrafi ta' hawn taħt ta' dan l-Artikolu, l-Uffiċċju jista' jirrestrinġi, abbażi ta' każ b'każ, id-dritt għall-aċċess tas-suġġett tad-*data* għad-*data* u/jew fajls mediċi personali tiegħu fil-pussess tiegħu, b'mod partikolari meta l-eżerċizzju ta' dak id-dritt jaffettwa b'mod negattiv id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-*data* jew ta' suġġetti tad-*data* oħra.

([5]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 3195 tat-2 ta' Lulju 2007 li tistabbilixxi d-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' Implimentazzjoni għar-rimborż tal-ispejjeż mediċi.

7. Fejn is-suġġetti tad-*data* jagħmlu talba biex jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' aċċess tad-*data* personali tagħhom ipproċessata fil-kuntest ta' każ speċifiku wieħed jew aktar jew għal operazzjoni partikolari tal-ipproċessar, l-Uffiċċju għandu jillimita l-valutazzjoni tiegħu tat-talba għal tali *data* personali biss.

8. Fejn l-Uffiċċju jirrestrinġi, kompletament jew parzjalment, id-dritt ta' aċċess għal *data* u/jew fajls mediċi personali mis-suġġetti tad-*data*, dan għandu jieħu l-passi li ġejjin:

(a) għandu jinforma lis-suġġett tad-*data* kkonċernat, fit-tweġiba tiegħu għat-talba, bir-restrizzjoni applikata u bir-raġunijiet prinċipali għaliha, u bil-possibbiltà li jista' jressaq ilment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* jew li jfittex rimedju ġudizzjarju fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

(b) għandu jiddokumenta f'nota ta' valutazzjoni interna r-raġunijiet għar-restrizzjoni, inkluża valutazzjoni tan-neċessità, il-proporzjonalità tar-restrizzjoni, u t-tul ta' żmien tagħha, l-aktar billi jiddikjara kif l-eżerċizzju tad-dritt jippreżenta riskju għas-saħħa tas-suġġett tad-*data* jew jaffettwa b'mod negattiv id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* jew ta' suġġetti tad-*data* oħra.

F'konformità mal-Artikolu 25(8) tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-għoti ta' informazzjoni msemmi fil-punt (a) jista' jiġi differit, jitħalla barra jew jiġi miċħud jekk jikkanċella l-effett tar-restrizzjoni.

9. Ir-restrizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 6 hawn fuq għandhom ikomplu japplikaw dment li jibqgħu applikabbli r-raġunijiet li jiġġustifikawhom. Ladarba, ir-raġunijiet għar-restrizzjoni ma jibqgħux japplikaw, fuq talba tas-suġġetti tad-*data*, il-kontrollur għandu jirrieżamina l-ħtieġa li tinżamm ir-restrizzjoni.

*Artikolu 8*

## Il-komunikazzjoni ta' ksur ta' *data* personali lis-suġġett tad-*data* u l-kunfidenzjalità ta' komunikazzjonijiet elettroniċi

1. F'każijiet debitament iġġustifikati u taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'din id-Deċiżjoni, id-dritt għall-komunikazzjoni ta' ksur ta' *data* personali jista' jiġi ristrett mill-kontrollur, fejn neċessarju u xieraq fil-kuntest tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar previsti fl-Artikolu 1(2) ta' din id-Deċiżjoni. Dan id-dritt madankollu ma għandux ikun ristrett fil-kuntest tal-proċeduri biex jiġu indirizzati każijiet ta' fastidju.

2. F'każijiet debitament iġġustifikati u taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'din id-Deċiżjoni, id-dritt għall-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi jista' jiġi ristrett mill-kontrollur, fejn neċessarju u xieraq fil-kuntest tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar previsti fl-Artikolu 1(2) ta' din id-Deċiżjoni.

3. L-Artikoli 5(2), (3) u (4) tad-Deċiżjoni attwali japplikaw meta l-Uffiċċju jirrestrinġi l-komunikazzjoni ta' ksur ta' *data* personali lis-suġġett tad-*data* jew il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi msemmija fl-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

*Artikolu 9*

## Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul f'Alicante, is-26 ta' Marzu 2020.

*Għall-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea*

Jorma HANSKI

*President tal-Bord tat-Tmexxija*

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT